# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 10 ta' April 2025**

**Numru 1**

**Rikors Numru 645/21TA**

**(1) Jean Noel Ambeau Yapi, mil-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-001,**
**(2) Frank Kouadioane, mil-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-008,**
**(3) Dramane Diarrasouba, mil-Gineja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-0018,**
**(4) Seydou Sangare, mil-Gineja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-019,**
**(5) Osman Jalla, mil-Gambja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-0020,**
**(6) Sahib Jalloh Athaj, mis-Sjerra Leone, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-021,**
**(7) Sulaiman Kamara mis-Sjerra Leone, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-024,**
**(8) Shenu Kamara, mis-Sjerra Leone, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-025,**
**(9) Alpha Maju Sessay, mis-Sjerra Leone, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-028,**
**(10) Henry Michael, min-Niġerja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-029,**

**(11) Kacou Francois Kanga, mil-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-044,**
**(12) Diagabate Boubakary, mil-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-045,**
**(13) Djabi Tourou, mil-Mali, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-047,**
**(14) Banga Alloh Banbaq Wilfred Nathan, mil-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-051,**
**(15) Emon Hassab, mil-Bangladexx, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-104,**
**(16) Diarrassouba Mohamed Youssef, mil-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-179,**
**(17) Naby Keita, mil-Gineja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-188,**
**(18) Ahmed Kouloubily, mil-Liberja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-189,**
**(19) Mohammed Condé, mil-Gineja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-190,**
**(20) Gordwin Ifi, min-Niġerja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-215,**
**(21) Fnebouri Tani, mil-Gineja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-217,**
**(22) Nuradeen Nura, mill- Niġerja bin-numru tal-Immigrazzjoni 20U-001,**

**L-Avukat Neil Falzon detentur tal-Karta ta' Identita Nru. 73378(M) a nom u in rappreżentanza ta':**
**(23) Onel Zablabi, mil-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-003 u b' Karta tal-Identitá Spanjola bin-numru Y8493081-T, residenti l-Ispanja,**
**(24) Aboubakar Diarrassouba, mil-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-036 u b' Karta tal-Identitá Spanjola bin-numru Y8492684-V, residenti l-Ispanja,**
**(25) Diaby Ousmane, mil-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-169 u b' Karta tal-Identitá Franċiża bin-numru 2503045495, residenti Franza,**

**L-Avukat Katrine Camilleri detentrici tal-Karta ta' Identita Nru. 101270(M) għan-nom u in rappreżentanza ta'**
**(26) Moussa Camara, mill-Mali, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20S-001, u b' Karta tal-Identitá Franċiża bin-numru 2503045416, residenti Franza,**
**(27) Adel Abdul Aziz, mil-Għana, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-224, residenti l-Għana,**

**(28) Godfed Anoah Ansa, mil-Għana, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-226, residenti l-Għana,**
**(29) Austin Agyei, mil-Għana, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-246, residenti l-Għana,**
**(30) Philip Agyeman, mil-Għana, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-247, residenti l-Għana,**
**(31) Daniel Ameywa, mil-Għana, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-248, residenti l-Għana,**
**(32) Opoku Wilians, mil-Għana, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-250 residenti l-Għana,**

**vs**

**Il-Prim Ministru ta' Malta,**
**Il-Ministru għal-Intern, Is-Sigurtá Nazzjonalu u l-Infurzar tal-Liġi, u l-Avukat tal-Istat**
**u b'digriet datat 25 ta' Ottubru 2023 ġie kjamat fil-kawża s-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Intern, is-Sigurta', ir-Riformi u l-Ugwaljanza**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Jean Noel Ambeau Yapi u oħrajn (ir-rikorrenti) tat-8 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

> Illi r-rikorrenti huma kollha rġiel ta' etá żgħira u minn xi tmien pajjiżi differenti. Għalkemm kull rikorrrent għandu storja personali u individwali, huma marbutin flimkien permezz tal-inċident li seħħ fuq il-bastimenti tal-*Captain Morgan* u tas-*Supreme Cruises*, suġġett ta' dan ir-rikors odjern. Huma maqgħudin flimkien mil-fatt illi kollha kemm huma telqu minn pajjiżhom, darhom, minħabba ċirkostanzi li kienu qed irendulhom ħajjithom miżerabbli. Kull vjaġġ wassalhom il-Libja, fejn qattgħu perjodi ta' żmien differenti;

Illi wara li sabu ruħhom il-Libja, ir-rikorrenti ħassew li kellhom jaħarbu minn hemm minħabba l-gwerra li ilha għaddeja bosta snin u minħabba l-biża' li kellhom għas-sigurtá tagħhom;

Illi għalhekk r-rikorrenti telqu mil-Libja f'ġranet differenti fix-xhur ta' April, Mejju u Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), billi telgħu f'dgħajjes żgħar flimkien ma' bosta nies oħra sabiex jippruvaw jilħqu s-sigurtá fl-Ewropa. Flimkien magħhom kien hemm irġiel, nisa u tfal minn ħafna pajjiżi differenti u ta' etajiet differenti;

Illi wara ftit jiem fuq il-baħar, ma setgħux ikomplu l-vjaġġ minħabba ħsara fid-dgħajjes jew minħabba temp ħażin u perikoluż. Għalhekk, kellhom jitolbu l-għajnuna biex jiġu salvati;

Illi għalkemm bejniethom ir-rikorrent kienu fuq dgħajjes differenti u telqu mil-Libja f'ġranet different, kollha kienu fiż-Żona ta' *Search and Rescue* ta' Malta meta talbu għal-għajnuna biex jiġu salvati;

Illi r-rikorrenti ġew salvati minn bastimenti li kienu fil-viċin, liema bastimenti x'aktarx kienu qed jimxu skond istruzzjonijiet mogħtija miċ-Ċentru Malti ta' Kordinazzjoni tas-Salvataġġ, liema Ċentru hu risponsabbli għal-inċidenti marittimi li jseħħu fiż-Żona ta' *Search and Rescue* ta' Malta;

Illi wara li ġew salvati, ir-rikorrent kollha ttieħdu fl-istess żona fil-baħar u ġew trasferiti fuq bastimenti privati, magħrufin fis-settur turistiku u tad-divertiment għas-servizzi li joffru, fosthom *tours* u *boat parties*. Kien fil-fatt il-Gvern ta' Malta, permezz tal-Uffiċju tal-Prim Ministru u tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtá Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, li kkordina din l-operazzjoni, jiġifieri is-salvataġġ tal-immigranti, t-trasferiment tagħhom fuq il-bastimenti privati, il-provvisti meħtieġa, is-sigurtá, u l-ispejjeż rilevanti **(DOKUMENTI A-D)**;

Illi dawn il-bastimenti tal-*Captain Morgan* u tas-*Supreme Cruises* – erba' b'kollox – kienu pożizzjonati madwar tlettax-il mil nawtiku mil-kosta' ta' Malta, allura f'ibħra internazzjonali iżda eżatt barra l-ibħra territorjali ta' Malta. Mandankollu l-bastimenti, ekwippaġġ u r-rikorrenti baqgħu taħt il-kontrol dirett ta' l-Istat Malti. L-ewwel bastiment tal-*Captain Morgan,* l-*Europa II*, telaq minn Malta nhar l-Erbgħa tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u għoxrin (2020), bl-iskop li jospita grupp ta' xi sitta u ħamsin immigrant savalti f'dawk il-jiem. It-tieni bastiment, il-*Baħari*, telaq minn Malta fis-sebgħa (7) ta' Mejju, biex jirċievi madwar mija u għoxrin immigrant li kienu ġew salvati mil-Forzi Armati ta' Malta. Fil-ħmistax (15) ta' Mejju l-*Atlantis* ħa post il-*Baħari* u fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju ħareġ il-*Jade*;

Illi, tul il-ġimgħat sħaħ li qattgħu fuq il-bastimenti, ir-rikorrent qatt ma ġew infurmati b'mod uffiċjali dwar ir-raġunijiet għalfejn kienu tpoġġew fuq l-istess bastimenti u dwar il-pjanijiet tal-Gvern Malti fir-rigward tas-sitwazzjoni tagħhom. Fl-ebda stadju ma ġew infurmati dwar id-dritt li jitolbu

l-ażil f'Malta, qatt ma ngħataw Ordni ta' Detenzjoni u ħadd ma kellimhom dwar id-dritt għal rimedju kontra d-detenzjoni tagħhom. Ir-rikorrenti jirrakkontaw illi f'ċertu punt, il-kaptana tal-bastimenti talbuhom jiddeċiedu ġo liema Stat Membru tal-Unjoni Ewropea xtaqu jiġu rilokati għax, skond il-kaptana, dak kien il-pjan tal-Gvern Malti;

Illi waqt li kienu fuq dawn il-bastimenti, ir-rikorrenti ma setgħu jkollhom l-ebda kuntatt mad-dinja esterna, ħlief forsi għal dawk il-ftit minuti meta l-kaptan tal-bastimenti kien jixgħelilhom il-*wifi*, u anke f'dawk il-mumenti rari, il-kwalitá tar-*reception* kienet waħda baxxa immens. Speċifikament, ir-rikorrenti ma segħtux jikkomunikaw mal-familjari tagħhom – lanqas biex javżawhom li kienu ħajjin. Ma kellhomx aċċess għal informazzjoni jew pariri legali dwar is-sitwazzjoni tagħhom, ma setgħux jeserċitaw id-dritt li jitolbu l-ażil u ma kellhom l-ebda aċċess għal qorti jew tribunal li setgħa jeżamina s-sitwazzjoni tagħhom u joffrilhom rimedju effettiv. Ir-rikorrenti jenfassizaw illi lanqas ma' setgħu jikkomunikaw mal-persuni jew mal-entitajiet li kienu qed jieħdu d-deċiżjonijiet dwar ħajjithom u dwar il-ġejjieni tagħhom. Kienu kompletament iżolati, mdawwrin b'mili baħar;

Illi mhux talli r-rikorrenti ma kellhomx kuntatt mad-dinja esterna, imma lanqas ma kien possibbli li din id-dinja esterna tagħmel kuntatt magħhom. Saħansitra, l-avukati tar-rikorrenti hawn taħt iffirmati ma ngħatawx permess iżuru lir-rikorrent u lil-grupp sħiħ ta' immigranti abbord il-bastimenti tal-*Captain Morgan* u *tas-Supreme Cruises*. It-talba għal permess li jżuru l-immigranti li saret bil-miktub lil Ministru għal-Intern, Is-

Sigurtá Nazzjonalu u l-Infurzar tal-Liġi, intimat f'dan il-rikors, fis-sitta ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), qatt ma rċiviet tweġiba **(DOKUMENT E)**;

Illi, f'dan ir-rigward u skond rapport fil-midja, anke r-rappreżentanti tal-Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil (**AWAS**) – liema Aġenzija governattiva għandha r-rwol li timplementa l-liġijiet dwar il-ħarsien tar-rifuġjati u l-persuni li jkunu qed ifittxu l-asil (**L.S. 217.11**) – ma tħallewx jitilgħu abbord il-bastimenti sabiex jaqdu dmirijiet tagħhom skond il-liġi u l-prassi **(DOKUMENT F)**. Saħansitra lanqas rappreżentanti tal-Uffiċju għal tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR), liema rappreżentanti s-soltu jkun preżenti għal wasliet tad-dgħajjes bl-immigranti sabiex jagħtu informazzjoni dwar il-protezzjoni internazzjonali u joffur l-għajnuna meħtieġa, ma telgħu fuq il-bastimenti;

Illi, minħabba ċ-ċirkostanzi li sabu ruħhom fihom u minkejja l-ebda informazzjoni f'dan ir-rigward inkluż – per eżempju – ordni ta' detenzjoni jew dokument simili, ir-rikorrenti kienu effettivament ġo *"ħabs fuq il-baħar"* (kliem ta' wieħed mir-rikorrenti), interament ipprivati mil-libertá tagħhom u mingħajr l-ebda element ta' kontroll fuq ħajjithom. Ir-rikorrenti ma kinux jafu fejn qegħdin, x'ser isir minnhom u għal kemm ġranet, ġimgħat jew xhur kienu ser jibqgħu fuq il-baħar;

Illi għalkemm ir-rikorrenti kienu fuq bastimenti differenti u l-kundizzjonijiet tal-għejxien ma kienux eżattament l-istess fuq l-erba' bastimenti, ir-

rikorrent kollha għaddew minn esperjenzi ħorox. B'kollox, l-erba' bastimenti ospitaw madwar erba' mitt persuna, jiġifieri kienu ffullati sew, bl-immigranti ppakkjati kważi fuq xulxin u mingħajr l-ebda possibbiltá ta' privatezza. Saħansitra, fuq xi bastimenti nisa u rġiel kellhom jaqsmu flimkien dan l-istess spazju żgħir. Il-bastimenti, li m'humiex intiżi għal-akkommodazzjoni ta' tul ta' żmien, ma kellhomx biżżejjed faċilitajiet sanitarji għan-nies kollha fuqhom: madwar żewġ jew tlett *toilets* u *showers* għal aktar minn mija u ħamsin ruħ. Il-bastimenti ma kellhomx sodod, u lanqas ma ġew armati b'sodod għal din l-operazzjoni speċifika. Dan jiġifieri li r-rikorrenti ma kellhomx għażla ħlief li jorqdu mal-art: għal bidu mingħajr ebda saqqu jew saff protettiv u mbagħad ingħataw saqqijiet ċatti tal-baħar. Ingħataw *sleeping bags* biss wara li lmentaw li ma kellhomx lożor jew gvieret biex iħarsuhom mil-bard, mir-riħ u mir-raxx tal-baħar. Ir-rikorrenti jiftakru illi kien hemm bosta drabi fejn lanqas biss kien hemm biżżejjed spazju fejn jimteddu biex jorqdu. F'dan il-kuntest iffullat, ma kien l-ebda privatezza. Ir-rikorrenti jgħidu illi l-uniku post fejn segtħu jiksbu ftit privatezza kien fit-*toilet*, iżda tant kien hemm nies illi mawra fit-*toilet* ma setgħetx iddum għal aktar minn ħames minuti;

Illi ma kienx hemm tobba, *nurses* jew servizz mediku fuq il-bastimenti. Wieħed mir-rikorrent jiftakar li, minħabba nuqqas ta' esperjenza fuq il-baħar, tant ħassu ħażin u tant kellu sturdament li ma setgħax jimxi. Fit-tieni ġimgħa fuq il-baħar, l-affarjiet marru għal-agħar u ma felaħx jiekol. Talab l-għajnuna, imma ma kien hemm l-ebda tabib u ma kienx hemm mediċini. Rikorrent ieħor ukoll qatta bosta jiem ma jiflaħx u jistenna tabib.

Jiftakar li l-kaptan tah xi mediċini minn tiegħu, u li l-għajnuna waslet biss wara xi għaxart ijiem. Bħalhom, kien hemm ħafna aktar li l-ambjent kien verament wieħed traġiku. Jidher ukoll li r-rikorrenti ngħataw sapuna, *tootbrush* u *toothpaste*, u li wħud minnhom ngħataw ukoll tibdila ħwejjeġ filwaqt li l-maġġoranza kellhom jibqgħu bl-istess ħewjjeġ li kienu telqu bihom mil-Libja jiem jew anke ġimgħat qabel;

Illi l-aħħar tlett ġranet kienu l-aktar diffiċli minħabba l-fatt li t-temp laħaq krieh, il-baħar sar imqalleb ħafna u d-dgħajjes li kienu qedgħin fuqhom ma kienux idoneji għal dawk il-kundizzjonijiet fl-ibħra miftuħa. Ir-rikorrenti jiftakru t-tisbit tal-mewġ mal-ġnub tal-bastimenti, it-tbandil kontinwu min-naħa għal-oħra, l-ilma kullimkien, it-*toilets* li kienu qed ifuru bil-pressa tal-ilma. Ir-rikorrenti ippruvaw ibattlu l-bastimenti mil-ilma, imma għalxejn għax ma setgħux ilaħħqu. Kollox kien imxarrab għasra, ma setgħux jorqdu għax kien hemm l-ilma kullimkien. F'dan il-ġenn, storbju, tbandil u ilma jtir, ir-rikorrenti kienu mbeżżgħin għal ħajjithom, u bosta minnhom kienu qed iħossuhom ħażin;

Illi fil-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) l-Kummissjoni Ewropea rraportat illi talbet lil-Gvern Malti sabiex jagħtiha dettalji dwar l-immigranti abbord il-bastimenti u fl-erba' (4) ta' Ġunju, kelliem għal-istess Kummissjoni Ewropea qal illi: *"Għandhom jiġu sbarkati malajr kemm jista' jkun."* **(DOKUMENT G)**;

Illi fl-erbgħa (4) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, Dunja Mijatovic, qalet illi *"is-sitwazzjoni ta' aktar minn 400 persuni miżmuma fuq bastimenti privati barra l-ibħra territorjali Maltin mhix sostenibbli u teħtieġ azzjoni immedjata."* Qalet ukoll illi *"l-esperjenza turi illi meta persuna salvati jinżammu għal perjodi twal mingħajr possibbiltá ta' żbark, hemm tendenza li saħħithom tiddeterjora malajr",* u ħeġġet lil Malta sabiex tiżgura li d-deċiżjoni li tqiegħed il-bastimenti eżatt barra mil-ibħra territorjali ma twassalx għal- sitwazzjoni fejn l-immigranti jiċċaħħdu mil-opportunitá li jitolbu l-protezzjoni internazzjonali **(DOKUMENT H)**;

Illi fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), l-Gvern ħabbar id-deċiżjoni li l-immigranti kollha li sa' dik il-ġurnata kienu abbord il-bastimenti jiddaħħlu f'Malta. Dakinhar, jiġifieri seba' u tletin (37) jum mit-tluq minn Malta tal-*Europa II*, madwar erba' mija u ħamsa u għoxrin immigrant iddaħħlu Malta u rifsu fuq l-art;

Illi iż-żamma tar-rikorrenti fuq il-bastimenti kienet tikkonsisti, mill-inqas fattwalment, fid-detenzjoni tar-rikorrenti, jiġifieri fil-privazzjoni tal-libertá tagħhom, fuq ordnijiet tal-Gvern ta' Malta maħruġin mil-konvenuti;

Illi, wara l-wasla tagħhom f'Malta, ir-rikorrenti kollha tpoġġew fiċ-ċentri tad-detenzjoni: Safi *Detention Centre*, Lyster Barracks ġewwa Ħal Far u/jew il-Marsa *Initial Reception Centre*. Għal darb'oħra fl-ebda ħin ma ngħataw Ordni ta' Detenzjoni jew dokument ieħor simili li jispejga r-raġunijiet għad-

detenzjoni tagħhom jew il-bażi legali għaliha. Ħadd ma avżhom, bil-miktub jew bil-fomm, kif setgħu jeserċitaw id-dritt għal rimedju kontra din id-detenzjoni;

Illi din id-detenzjoni baqgħet għaddejja għal bosta ġimgħat jew xhur, fejn xi wħud mir-rikorrenti saħansitra nħelsu wara li kienu ressqu rikors ta' *habeas corpus* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati taħt l-Artikolu 409(A) tal-Kodiċi Kriminali, u wara li l-istess Qorti tal-Maġistrati kellha kliem ħorox għal din id-detenzjoni u kkundanat *"dan l-aġir abbużiv u farsesk tal-awtoritajiet...illi b'mod arbitrarju jċaħħdu persuni mil-libertá bla ebda ġustifikazzjoni legali"* **(DOKUMENTI I u J)**. Fit-tabella annessa ma' dan r-rikors, il-Qorti tista' sssib il-lista ta' rikorrenti flimkien mad-data meta nħelsu miċ- ċentri tad-detenzjoni;

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi r-rikorrenti jissottomettu illi t-trattament tagħhom jikkonstitwixxu: **(1)** f'ipprivar tal-libertá tagħhom b'mod arbitrarju u illegali, ipprojbit mil-**Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, mil-**Artikolu 5 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** u mil-**Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewoprea**; **(2)** trattament inhuman u degradanti, ipprojbit mil-**Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni**, mil-**Artikou 3 tal-istess Konvenzjoni Ewropea** u mil-**Artikolu 4 tal-istess Karta**; **(3)** ksur tad-dritt tagħhom

għal-ażil f'Malta, sanċit fl-**Artikolu 18 tal-istess Karta**; u **(4)** vjolazzjoni tad-dinjitá tagħhom, bi ksur tal-**Artikolu 1 tal-istess Karta**;

-

Illi r-rikorrenti ċċaħdu mil-libertá personali tagħhom bħala konsegwenza diretta tad-deċiżjoni tal-konvenuti li jżommuhom fuq il-bastimenti privati u fiċ-ċentri tad-detenzjoni wara l-wasla tagħhom f'Malta, u li għalhekk is-sitwazzjoni fattwali tagħhom kienet taqa' b'mod ċar fl-ambitu tal-**Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, tal-**Artikolu 5 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** u tal-**Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewoprea**;

Illi, **fl-ewwel lok**, ir-rikorrenti jirreferu għal-ġurisprudenza għaqlija tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, li tgħallimna illi d-determinazzjoni dwar jekk sitwazzjoniji tikkonstitwixxi detenzjoni għandha tħares lejn bosta elementi, fosthom in-natura tal-miżura i kwistjoni, id-dewmien tagħha, l-effetti u l-mod ta' implimentazzjoni tagħa. Il-Qorti Ewropea saħqet ukoll illi l-iskop tal-miżuri meħuda mill-Istat mhux fattur deċisiv f'din id-determinazzjoni, li l-klassifikazzjoni tas-sitwazzjoni fl-ordni ġuridiku nazzjonali ma tistax tbiddel in-natura tal-miżuri ta' trażżin imposti mil-Istat (fosthom *Khlaifia and Others v Italy, H.L. v. the United Kingdom, H.M. v. Switzerland, Guzzardi v. Italy, Medvedyev and Others v. France)*.

Ir-rikorrent jisħqu li, minkejja l-fatt illi ma kinux qed jinżammu ġo ħabs jew ċentru tad-detenzjoni jew f'post ieħor ġeneralment assoċjat mad-detenzjoni meta kienu miżmuma fuq id-dgħajjes, u minkejja l-fatt illi ma

ngħatawx ordni ta' detenzjoni jew xi dokument uffiċjali ieħor simili, u minkejja d-deskrizzjoni tas-sitwazzjoni tagħhom f'ċerta setturi tal-midja, ir-rikorrenti jissottomettu illi m'hemm l-ebda dubju illi kienu f'sitwazzjoni ta' detenzjoni *de facto*. B'mod partikolari, ir-rikorrent jirreferu għar-raġunament tal-Qorti Ewropea f'*Khlaifia and Others v. Italy* fejn ir-rikorrenti nżammu fuq bastimenti għal disgħat ijiem u tnax-il-jum taħt ordni tal-Italja. Il-Qorti Ewropea rat illi r-rikorrenti ma kellhomx l-libertá li jħallu l-bastimenti, li kienu fattwalment arrestati u miżmumin f'ħabs fuq il-bastimenti, li ma segħux jikkomunikaw mad-dinja esterna u li kienu qed jinżammu fuq il-bastimenti kontra r-rieda tagħhom (para. 65 – 73);

Illi, filwaqt li l-Artikolu 5(f) tal-Konvenzjoni jippermetti l-użu tad-detenzjoni f'kuntest ta' immigrazzjoni taħt żewġ ċirkostanzi – sabiex jiġi evitat li persuna tidħol fil-pajjiż mingħajr awtoritá jew fil-konfront ta' persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għad-deportazzjoni jew għal-estradizzjoni – il-Qorti Ewropea saħqet il-prinċipju msemmi fuq, jiġifieri li din id-detenzjoni m'għandhix tkun arbitrarja.

*"To avoid being branded as arbitrary, therefore, such detention must be carried out in* ***good faith****; it must be* ***closely connected to the purpose*** *of preventing unauthorised entry of the person to the country; the* ***place and conditions of detention should be appropriate****, bearing in mind that "the measure is applicable* ***not to those who have committed criminal offences but to aliens who, often fearing for their lives, have fled from their own country****" (see Amuur, para. 43); and the* ***length of***

***the detention** should not exceed that reasonably required for the purpose pursued."* (*Saadi v. the United Kingdom*, para. 74);

Illi r-rikorrenti jissottomettu li d-detenzjoni tagħhom abbord il-bastimenti tal-*Captain Morgan* u tas-*Supreme Cruises* ma kinitx implimentata b'*bona fede*. Għalkemm il-kaptana ġabru t-tagħrif personali tar-rikorrenti, jidher illi dan seħħ bi skop tar-rilokazzjoni tar-rikorrenti u mhix għal finijiet ta' xi proċeduri tal-ażil jew tal-immigrazzjoni. Fil-fatt, fl-ebda stadju ma kien hemm proċeduri ta' ġbir ta' informazzjoni dwar ir-raġunijiet li wasslu għal-ħarba tagħhom minn pajjiżhom. Ir-rikorrenti jissottomettu wkoll illi bl-ebda mod ma jista' jingħad illi bastimenti tal-*Captain Morgan* – ġeneralment utilizzati għal skopijiet turistiċi u mingħar il-liċenzji xierqa għal dan it-tip ta' tbaħħir – huma xierqa għal-iskop tad-detenzjoni ta' persuni;

Illi, kif hawn fuq spjegat, tul id-detenzjoni tagħhom fuq il-bastimenti u anke fiċ-ċentri ta' detenzjoni r-rikorrenti ma ġewx infurmati dwar ir-raġunijiet tal-arrest u tad-detenzjoni tagħhom u dwar id-dritt li jitolbu reviżjoni tal-legalitá tad-detenzjoni, kif meħtieġ mil-**Artikolu 5(2)** tal-Konvenzjoni Ewropea. Finalment, ir-rikorrenti jenfassizaw illi, minħabba ċ-ċirkostanzi tagħhom – kilometri 'l-bogħod minn Malta u mingħajr aċċess għal informazzjoni u għal mezzi ta' kommunikazzjoni – żgur ma kellhomx aċċess għal-proċeduri li bihom setgħu jitolbu r-reviżjoni tal-legalitá tad-detenzjoni tagħhom, garanzija proċedural meħtieġa mil-**Artikolu 5(4)** tal-istess Konvenzjoni;

Illi, **fit-tieni lok**, ir-rikorrenti umilment jikkwotaw mil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea fejn din bosta drabi kellha l-opportunitá titħadded dwar it-trattament inuman u degradanti:

*"Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is **relative**; it depends on all the circumstances of the case, the sex, age and state of health of the victim."* (*Ireland v. the United Kingdom,* para. 162);

*"The Court attaches considerable importance to the applicant's status as an asylum-seeker and, as such, a member of a **particualrly underprivileged and vulnerable** population group in need of **special protection**. It notes the existence of a **broad consensus** at the international and European level concerning this need for special protection, as evidenced by the Geneva Convention, the remit and the activities of the UNHCR and the standards set out in the Reception Directive."* (*M.S.S. v. Belgium*, para. 251);

*The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element. The State must ensure that a person is detained in **conditions which are compatible with respect for his human dignity**, that the*

***manner and method** of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an **intensity exceeding the unavoudable level of suffering inherent in detention** and that, given the practical demands of imprsonment , his **health and well-being are adequately secured**."* (*Kudla v. Poland,* paras. 93-94);

Illi r-rikorrenti jissottomettu li l-kundizzjoni materjali fuq il-bastimenti ma kinux kundizzjonijiet normalment assoċjati mad-detenzjoni ta' persuni, jew ta' lanqas kundizzjonijiet li setgħu b'xi mod jirrisspettaw id-dinjitá tagħhom. *In toto*, il-grupp ta' immigranti fuq l-erba' bastimenti kien jaqbeż l-erba' mija, fosthom irġiel, nisa, minuri u – għal xi ħin qasir – tfal żgħar. Għalkemm l-ikel u l-ilma kien provdut fuq bażi regolari, ma kienx hemm kabini jew soddod, u ma kienx hemm biżżejjed faċilitajiet sanitarji għal-grupp kollu. Ma kienx hemm servizz mediku abbord, bosta persuni ħassewhom ħażin u kien hemm min kellu problemi mediċi serji – minħabba l-vjaġġ li kienu għamlu qabel is-salvataġġ u anke minħabba t-tbandil kontinwu tal-bastimenti. Filwaqt li matul il-jum kienet tinġabar sħana kbira abbord, filgħaxija u bil-lejl kienet taqa' keħsa liema bħala, u l-maġġoranza tar-rikorrenti kellhom biss fuqhom l-istess ħwejjeġ li kienu telqu bihom mil-Libja bosta jiem qabel. Kienu jqattgħu erbgħa u għoxrin siegħa kuljum ma jagħmlu xejn;

Illi r-rikorrenti bagħtew ukoll b'mod psikoloġiku, essenzjalment minħabba n-nuqqas ta' kuntatt u informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tagħhom. L-inċertezza dwar il-futur tagħhom u n-nuqqas totali ta' kontroll fuq ħajjithom

kellhom effet psikoliġiku detrimenti fuqhom, tant li xi nies qabżu mil-bastimenti;

Illi, **fit-tielet lok**, ir-rikorrenti jsostnu illi, bħala konsegwenza diretta tad-deċiżjonijiet tal-konvenuti li bihom ċaħduhom minn informazzjoni, kuntatt ma' avukati, servizzi ta' interpreti, u servizzi ta' għajnuna għal-vulnerabbli, ir-rikorrenti ma setgħux jeserċitaw id-dritt fundamentali tagħhom li jfittxi l-ażil f'Malta. Qatt ma kien hemm rappreżentanti tal-Aġenzija għal-Protezzjoni Internazzjonali fuq il-bastimenti, liema Aġenzija hija risponsabbli taħt il-liġi Maltija illi tilqa' u tipproċessa applikazzjonijiet għal-ażil. Ir-rikorrenti jenfasizzaw illi saħansitra, tul il-ġimgħat li qattgħu abbord tal-bastimenti, lanqas biss kellhom l-iċken kuntatt ma' rappreżentant tal-awtoritajiet Maltin;

Illi, **fir-raba' lok**, ir-rikorrenti jixtiequ jenfasizzaw illi kienet deċiżjoni ċara tal-ogħla istituzzjonijiet tal-Gvern Mali, u ċioé tal-intimati, illi jżommu lir-rikorrenti fil-punt eżatt fejn baqgħu għal dawk is-seba' u tletin jum, u li jżommuhom f'dawk il-kundizzjonijiet ħorox hawn fuq deskritti. Il-konvenuti kellhom il-kontroll totali fuq kull aspett tal-ħajja tar-rikorrenti. Il-konvenuti setgħu eserċitaw dak il-kontroll kif suppost: b'rispett għad-dinjitá u l-umanitá tar-rikorrenti, setgħu daħħluhom Malta u pproċessawhom skond il-liġijiet Ewropej u nazzjonali kif ukoll skond il-*policies* rilevanti, fosthom il-proċedura tal-ażil, il-*Strategy for the Reception of Asylum Seekers and Irregular Migrants* (2015) u l-proċeduri għar-ritorn ta' immigranti fi stat irregolari. Minflok, il-konvenuti għażlu li jinjoraw kull liġi u bi ħsieb speċifiku

ddeċidew li jqiegħdu lir-rikorrenti f'nofs ta' baħar, f'żona fejn – mingħalihom – kienu 'l-barra mil-ħarsien tal-liġi, il-bogħod minn kull skrutinju. Ir-rikorrenti jsostnu illi b'dawn id-deċiżjonijiet il-konvenuti wrew disprezz għal-umanitá tar-rikorrenti, u b'hekk esponewhom għal vjolazzjoni tad-dinjitá tagħhom.

<u>**Talbiet**</u>

Illi abbażi tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, ir-rikorrenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. tiddikjara illi, bid-deċiżjonijiet, bl-egħmil u bin-nuqqasijiet tagħhom, il-konvenuti kienu risponsabbli għal-ipprivar tal-libertá tar-rikorrenti b'mod li jmur kontra l-**Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, l-**Artikolu 5 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** u mil-**Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**;

2. tiddikjara illi, bid-deċiżjonijiet, bl-egħmil u bin-nuqqasijiet tagħhom, il-konvenuti esponew ir-rikorrenti għal trattament inhuman u degradanti, ipprojbit mil-**Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni**, mil-**Artikou 3 tal-istess Konvenzjoni Ewropea** u mil-**Artikolu 4 tal-istess Karta**;

3. tiddikjara illi, bid-deċiżjonijiet, bl-egħmil u bin-nuqqasijiet tagħhom, il-konvenuti kienu risponabbli għal ksur tad-dritt għal-ażil tar-rikorrenti f'Malta, sanċit fl-**Artikolu 18 tal-istess Karta**; u

4. tiddikjara illi, bid-deċiżjonijiet, bl-egħmil u bin-nuqqasijiet tagħhom, il-konvenuti kienu risponabbli għal vjolazzjoni tad-dinjitá tar-rikorrenti, bi ksur tal-**Artikolu 1 tal-istess Karta**;

5. Tordna lill-intimati jagħtu kumpens xieraq per konsegwenza tal-ksur tad-drittijiet taghhom;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti ntimati u rappreżentanti, diretturi u impjegati tal-konvenuti ntimata minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Prim Ministru ta' Malta, tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi u l-Avukat tal-Istat (l-intimati Awtoritajiet) tal-10 ta' Novembru 2021 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

1. ILLI, preliminarjament kull wieħed mir-rikorrenti għandu juri a sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti illi hu kien personalment affettwat mill-fatti allegati fir-rikors promotur sabiex jistabbillixxi l-interess ġuridiku neċessarju sabiex jipproċedi bil-kawża odjerna;

2. ILLI, in vena preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, skont l-Artikolu 161(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, proċeduri quddiem il-qrati superjuri ta' Malta għandhom jinbdew permezz ta' rikors ġuramentat, sakemm il-liġi ma tiddisponix mod ieħor. Filwaqt li l-artikolu 2(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 jiddisponi illi proċedimenti quddiem

din l-Onorabbli Qorti skont l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta jistgħu jsiru permezz ta' rikors, ma hemm ebda artikolu simili illi jippermetti li kawża dwar allegat ksur tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea issir permezz ta' rikors sempliċi u mhux rikors ġuramentat. Għaldaqstant, safejn ir-rikorrenti jilmentaw minn ksur tal-Karta, ir-rikors promotur huwa irritu u null *ai termini* tal-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12;

3. ILLI, in vena preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenuti mħarrka f'din il-kawża m'humiex il-leġittimi kontraditturi għall-lanjanza mressqa mir-rikorrenti, u għaldaqstant għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

4. ILLI, preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea tapplika biss f'ċirkostanzi fejn l-awtoritajiet tal-Istat jimplimentaw liġi tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, sabiex tiskatta l-applikabbilità tal-Karta, ir-rikorrenti għandhom juru illi l-awtoritarjiet tal-Istat kienu qed jaġixxu sabiex jimplimentaw il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea;

5. ILLI, preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jiċħdu illi r-rikorrenti kienu detenuti jew taħt forma ta' arrest *ai termini* tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 6 tal-Karta, waqt illi kienu fuq l-ibħra internazzjonali, u għaldaqstant tali artikoli huma inapplikabbli;

6. ILLI, preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, safejn l-Avukat Neil Falzon u l-Avukat Katrine Camilleri qed jidhru a nom u in rappreżentanza ta' diversi rikorrenti, huma għandhom juru a sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti illi huma għandhom ir-rappreżentanza ġudizzjarja ta' kull wieħed minn dawk ir-rikorrenti sabiex huma setgħu iressqu din il-kawża f'isimhom;

7. ILLI, assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-esponenti jiċħdu l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għar-raġunijiet segwenti illi qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin.

*Dwar l-Allegat Ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 6 tal-Karta*

8. ILLI, anke jekk din l-Onorabbli Qorti tasal għall-konklużjoni illi l-Artikoli 34 tal-Kostituzzjoni, 5 tal-Konvenzjoni u 6 tal-Karta huma applikabbli, l-esponenti jisħqu illi ma kien hemm ebda ksur ta' dawn l-artikoli *stante* illi l-akkommodazzjoni temporanja tar-rikorrenti saret b'għan leġittimu u b'rispett assolut lejn id-drittijiet fundamentali u dinjità tar-rikorrenti. Wieħed mgħandux jinsa illi l-fatti ta' din il-kawża jmorru lura għall-ewwel ftit xhur tat-tixrid tal-marda COVID-19, fl-istess waqt li Malta kienet għaddejja minn emerġenza tas-saħħa pubblika hekk kif iddikjarat mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika permezz ta' Avviż Legali 115 tal-2020. Dak iż-żmien,

Malta, bħalma għamlu l-bosta pajjiżi oħra fl-Ewropa u anki barra mill-Ewropa, għalqet l-portijiet tagħha u waqfet l-ivjaġġar, b'konsegwenzi serjissimi fuq l-ekonomija tal-pajjiż u fuq il-ħajja ta' kuljum ta' kull min jgħix f'Malta, u dan kollu sabiex tiġġieled kontra l-imxija ta' marda illi qatlet miljuni ta' nies madwar id-dinja u l-informazzjoni dwarha dak iż-żmien kienet għadha skarsa. Għaldaqstant, l-akkommodazzjoni ta' dawn il-persuni barra mit-territorju ta' Malta kienet intiża sabiex jiġi evitat t-tixrid ta' marda infettiva jew kontaġġuża, *ai termini* tal-artikolu 34(1)(h) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 5(1)(e) tal-Konvenzjoni; u fit-tieni lok sabiex jiġi evitat id-dħul illeġittimu ta' persuni ġewwa Malta, ai termini ta' l-artikolu 34(1)(j) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni;

9. ILLI, mhux talli ma nkisrux il-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea, talli l-awtoritajiet Maltin għamlu dak kollu possibbli sabiex kull wieħed mir-rikorrenti u mijiet ta' individwi oħra li kienu magħhom ġew salvati minn għarqa ċerta bejn sema u ilma;

10. ILLI, magħdud ma' dan, l-esponenti jiċħdu illi r-rikorrenti ma ġewx mgħarrfa bid-drittijiet tagħhom u li ma setgħux, jekk deherilhom, jieħdu passi sabiex jitolbu reviżjoni tal-legittimita tal-akkomodazzjoni temporanja taghhom, (li del resto jigi ribadit kienet legittima u regolari) u dan kif ser jiġi ippruvat matul it-trattazzjoni ta' din il-kawża. Fil-fatt fl-ebda mument ma ntqal lir-rikorrenti li ma kinux ser jiddaħħlu fit-territorju jew li mhux ser ikunu f'pożizzjoni li jagħmlu talba għall-ażil hekk kif jiddaħħlu fit-territorju Malta;

11. ILLI, għaldaqstant, l-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 6 tal-Karta hija infondata u għalhekk jistħoqqilha tiġi riġettata.

*Dwar l-Allegat Ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 4 tal-Karta*

12. ILLI, l-esponent jgħid mingħajr tlaqlieq illi l-ilment tar-rikorrenti dwar trattament inuman u degradanti huwa assolutament infondat u jxaqleb lejn il-fieragħ;

13. ILLI, wieħed għandu jżomm f'moħħu illi mhux kull forma ta' trattament jista' jwassal għal ksur tal-Artikolu 36, tal-Artikolu 3 u, jew tal-Artikolu 4. Difatti, kwalunkwe trattament li jmur kontra tali Artikoli għandu neċessarjament ikun tali illi jilħaq '*a minimum level of severity*', li ċertament ma ntlaħaqx f'dan il-każ. Kif ingħad diversi drabi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, '*In order for a punishment or treatment associated with it to be "inhuman" or "degrading", the suffering or humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment*' (*Jalloh v. Germany*, QEDB, 11 ta' Lulju 2006, p. 68);

14. ILLI, f'dan ir-rigward, l-intimati ma jistgħux jitqiesu responsabbli għall-istat fiżiku u mentali li allegatament kienu fih dawn l-immigranti fil-mument

ta' qabel ma dawn ġew salvati mill-għarqa mill-awtoritajiet Maltin. Apparti minn hekk, l-intimati provdew il-provvisti, il-kura u l-attenzjoni kollha li kien hemm bżonn.

*Dwar l-Allegat Ksur tal-Artikolu 18 tal-Karta*

15. ILLI, l-allegat ksur tal-Artikolu 18 huwa għal kollox imxejjen mill-fatt illi r-rikorrenti kollha waslu f'Malta qawwijin u sħaħ u kellhom kull opportunità illi jressqu t-talba tagħhom għal protezzjoni internazzjonali f'Malta. Fil-fatt dan il-proċess inbeda immedjatament wara li dawn il-persuni kienu jinsabu fiżikament fit-territorju Malti. Sewwasew, la l-Artikolu 18 tal-Karta u wisq anqas xi artikolu ieħor tal-liġi nostrana jew internazzjonali ma tirrikjedi illi immigrant jingħata d-dritt illi japplika għat-tali protezzjoni internazzjonali fi żmien jew perjodu determinat u stipulat. Għalhekk, anki jekk għall-argument kien hemm xi dewmien sabiex ir-rikorrenti f'dan il-każ ikunu jistgħu jressqu t-talba tagħhom, dan m'għandux isarraf f'dikjarazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 18;

16. ILLI, il-fatti juru li l-awtoritajiet Maltin ma kellhom l-ebda intenzjoni li jtawlu l-proċess tal-ażil ta' dawn il-persuni, tant li uħud mir-rikorrenti ma ngħatawx protezzjoni f'Malta u diġà ġew irritornati lejn pajjiżhom jew saħansitra ingħataw l-opportunità li jiġu rrilokati lejn Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea, fosthom Franza u Spanja.

*Dwar l-Allegat Ksur tal-Artikolu 1 tal-Karta*

17. ILLI, finalment u in vista ta' dak kollu premess, l-intimati jiċħdu li r-rikorrenti ġew trattati b'mod illi jivvjola d-dritt għar-rispett tad-dinjità tagħhom. Anzi, l-intimati għamlu dak kollu possibbli sabiex il-bżonnijiet tar-rikorrenti jiġu mħarsa tenut kont taż-żmien u ċirkostanzi partikolari illi fih waslu r-rikorrenti ġewwa Malta;

GĦALDAQSTANT, l-esponent huwa tal-umli fehma li t-talbiet kollha kif dedotti ma jimmeritawx illi jintlaqgħu u kwindi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet suesposti, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Ottubru 2023 li ordnat li s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi jkun kjamat fil-Kawża.

Rat ir-risposta tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi (l-intimat Segretarju) tat-30 ta' Novembru 2023 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. Illi, Preliminarjament kull wiehed mir-rikorrenti għandu juri a sodisfazzjon ta` din l-Onorabbli Qorti illi hu kien personalment affettwat

mill-fatti allegati fir-rikors promotur sabiex jistabbillixxi l-interess guridiku neccessarju sabiex jipprocedi bil-kawza odjerna:

2. Illi, in vena preliminari wkoll u mingħajr pregudizzju għas-suespost, skont l-Artikolu 161(1) tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, procedure quddiem il-qrati superjuri ta` Malta għandhom jinbdew permezz ta` rikors guramentat, sakemm il-ligi ma tiddisponix mod iehor.Filwaqt li l-artikolu 2(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09 jiddisponi illi procedimenti quddiem din l-Onorabbli Qorti skont l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(1) tal-kap.319 tal-Ligijiet ta` Malta jistgħu jsiru permezz ta` rikors, ma hemm ebda artikolu simili illi jippermetti li kawza dwar allegat ksur tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea issir permezz ta` rikors semplice u mhux rikors guramentat.Għaldaqstant, safejn ir-rikorrenti jilmentaw minn ksur tal-Karta, ir-rikors promotur huwa irritu u null ai termini tal-Artikolu 789(1) tal-kap.12:

3. Illi, preliminjarament ukoll u mingħajr pregudizzju għas-suespost, il-karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea tapplika biss f` cirkostanzi fejn l-awtoritajiet tal-Istat jimplimentaw ligi tal-Unjoni Ewropea.Għalhekk sabiex tiskatta l-applikabbilita tal-Karta, ir-rikorrenti għandhom juru illi l-awtoritajiet tal-Istat kienu qed jagixxu sabiex jimplementaw il-Ligijiet tal-Unjoni Ewropea:

4. Illi, preliminarjament ukoll u mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-esponenti jichdu illi r-rikorrenti kienu detenuti jew taht forma ta arrest *ai*

*termini* tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 6 tal-Karta, waqt illi kienu fuq l-ibhra internazzjonali, u għaldaqstant tali artikoli huma inapplikabbli;

5. Illi,preliminarjament ukoll u mingħajr pregudizzju għas-suespost, safejn l-Avukat Neil Falzon u l-Avukat Katrine Camilleri qed jidhru a nom u in rapprezentanza ta` diversi rikorrenti, huma għandhom juru a sodisfazzjon ta` din l-Onorabbli Qorti illu huma għandhom ir-rapprezentanza gudizzjarja ta` kull wiehed minn daw kir-rikorrenti sabiex huma setgħu iressqu din il-kawza f` isimhom;

6. Illi, assolutament mingħajr pregudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-esponenti jichdu l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għar-ragunijiet segwenti illi qed jigu hawn elekanti mingħajr pregudizzju għal xulxin:

*Dwar l-allegat Ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 6 tal-Karta*

7. Illi, anke jekk din l-Onorabbli Qorti tasal għall-konkluzjoni illi l-Artikoli 34 tal-Kostituzzjoni, 5 tal-Konvenzjoni u 6 tal-Karta huma applikabbli, l-esponenti jishqu illi ma kien hemm ebda ksur ta` dawn l-artikoli stante illi l-akkommodazzjoni temporanja tar-rikorrenti saret b`għan legittimu u b`rispetto assolut lejn id-drittijiet fundamentali u dinjita tar-rikorrenti. Wiehed mgħandux jinsa illi l-fatti ta` din il-kawza jmorru lura għall-ewwel

ftit xhur tat-tixrid tal-marda COVID-19, fl-istess waqt li Malta kienet għadejja minn emergenza tas-sahha Pubblika permezz ta` Avviz legali 115 tal-2020. Dak iz-zmien, Malta bhalma għamlu l-bosta pajjizi ohra fl-Ewropa u anki barra mill-ewropa, għalqet l-portijiet tagħha u waqfet l-ivjaggar, b` konsegwenzi sejissimi fuq l-ekonomija tal-pajjiz u fuq il-hajja ta` kuljum ta` kull min jgħix f`Malta, u dan kollu sabiex tiggieled kontra l-imxija ta` marda illi qatlet miljuni ta` nies madwar id-dinja u l-informazzjoni dwarha dak iz-zmien kienet għadha skarsa. Għaldaqstant, l-akkommodazzjoni ta` dawn il-persuni barra mit-territorju ta` Malta kienet intiza sabiex jigi evitat t-tixrid ta` marda infettiva jew kontagguza, ai termini tal-artikolu 34(1)(h) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni..

8. Illi mhux talli ma nkisrux il-Kostituzzjoni ta` Malta, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-karta tad-drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea,talli l-awtoritajiet Maltin għamlu dak kollu possibli sabiex kull wiehed mir-rikorrenti u mijiet ta` individwi ohra li kienu magħhom gew salvati minn għarqa certa bejn sema u ilma.

9. Illi, magħdud ma` dan, l-esponenti jichdu illi r-rikorrenti ma gewx mgħarfa bid-drittijiet tagħhom u li ma setgħux, jekk deherilhom, jiehdu passi sabiex jitolbu revizjoni tal-legittimita tal-akkomodazzjoni temporanja tagħhom, (li del resto jigi ribadit kienet legittima u regolari) u dan kif ser jigi ippruvat matul it-trattazzjoni ta` din il-kawza. Fil-fatt fl-ebda moment ma ntqal lir-rikorrenti li ma kinux ser jiddahhlu fit-territorju jew li mhux ser ikunu f`pozizzjoni li jagħmlu talba għall-azil hekk jiddahhlu fit-territorju Malta.

10. Illi, għaldaqstant, l-allegazzjoni ta` ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta` Mala, l- Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikoli 6 tal-Karta hija infondata u għalhekk jisthoqqilha tigi rigettata:

*Dwar l-Allegat ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, l- Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 4 tal-Karta*

11. Illi, l-esponenti jgħid illi l-ilment tar-rikorrenti dwar trattament inuman u degradanti huwa assolutament infondat:

12. Illi, wiehed għandu jzomm f`mohhu illi mhux kull forma ta` trattament jista jwassal għal ksur tal-Artikolu 36, tal-Artikolu 3 u , jew tal-Artikolu 4 Difatti, kwalunkwe trattament li jmur kontra tali Artikoli għandu necessarjament ikun tali illi jilhaq ` *a minimum level of severity*`, li certament ma ntlahaqx f` dan il-kaz. Kif ingħad diversi drabi mill-Qorti ewropa tad-drittijiet tal-Bniedem, *In order for a punishment or treatment associated with it to be "inhuman" or "degrading" the suffering or humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment* ( Jalloh v Germany, QEDB, 11 ta` Lulju 2006, p.68);

13. Illi. F dan ir-rigward, l-intimati ma jistgħux jitqiesu responsabbli għall-istat fiziku u mentali li allegatament kienu fih dawn l-immigranti fil-mument

ta` qabel ma dawn gew salvati mill-għarqa mill-awtoritajiet Maltin. Apparti minn hekk, l-intimati provdew il-provvisti, il-kura u l-attenzjoni kollha li kien hemm bzonn.

Dwar l-Allegat ksur tal-Artikolu 18 tal-Karta

14. Illi, l-allegat ksur tal-Artikolu 18 huwa għal kollox imxejjen mill-fatt illi r-rikorrenti kollha waslu f` Malta qawwijin u shah u kellhom kull opportunita illi jressqu t-talba tagħhom għal protezzjoni internazzjonali f` Malta. Fil-fatt dan il-process inbeda immedjatament wara li dawn il persuni kienu jinsabu fizikament fit-territorju Malti. Sewwasew, la l-Artikolu 18 tal-Karta u wisq anqas xi artikolu iehor tal-ligi nostrana jew internazzjonali ma tirrikjedi illi immigrant jingħata d-dritt illi japplika għat-tali protezzjoni internazzjonali fi zmien jew perjodu determinat u stipulat. Għalhekk, anki jekk għall-argument kien hemm xi dewmien sabiex ir-rikrorrenti f` dan il-kaz ikunu jistgħu jressqu t-talba tagħhom, dawn m`għandux issaraf f` dikjrazzjoni ta` ksur tal-Artikolu 18;

15. Illi, il-fatti juru li l-awtoritajiet Maltin ma kellhom l-ebda intenzjoni li jtawlu l-process tal-azil ta` dawn il-persuni, tant li uhud mir-rikorrenti ma ngħatawx protezzjoni f` Malta u diga gew irritornati lejn pajjzihom jew sahansitra ingħataw l-opportunita li jigu rrilokati lejn pajjzihom jew sahansitra ingħataw l-opportunita li jigu rrilokati lejn Stati Membri ohra tal-Unjoni Ewropea, fosthom Franza u Spanja.

Dwar l-Allegat Ksur tal-Artikolu 1 tal-Karta

16. Illi, finalment u in vista ta` dak kollu premess, l-intimati jichdu li r-rikorrenti gew trattatti b` mod illi jivvjola d-dritt għar-rispett tad-dinjita tagħhom. Anzi, l-intimati għamlu dak kollu possibli sabiex il-bzonnijiet tar-rikorrenti jigu mharsa tenut kont taz-zmien u cirkostanzi partikolari illi fih waslu r-rikorrenti gewwa Malta;

GĦALDAQSTANT, l-esponent huwa tal-umli fehma li t-talbiet kolha kif dedotti ma jimmeritawx illi jintlaqgħu u kwindi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħhobha tichad it-talbiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt għar-ragunijiet suesposti, u dan bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salv eccezzjonijet ulterjuri.

Rat l-atti u dokumenti kollha fir-rikors.

Semgħet u qrat ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet għar-rikors.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Ir-rikorrenti huma kollha persuni li ħarbu minn pajjiżhom minħabba ċirkostanzi li ma ppermettewlhomx jibqgħu hemm. Illi meta kienu fuq il-baħar ma setgħux ikomplu l-vjaġġ peress li d-dgħajjes li kienu fuqhom kellhom il-ħsara u minħabba l-baħar imqalleb kellhom jitolbu l-għajnuna u dan meta kienu fiż-żona ta' tfittxija u salvataġġ li hija responsabbli għaliha Malta.

L-ewwel kienu salvati minn opra privata u wara ġew trasferiti fost għal fuq numru ta' vapuri ta' Captain Morgan. Dan kien għall-ħabta tal-aħħar ta' April 2020 Illi waqt li kienu fuq dawn il-vapuri, ir-rikorrenti jilmentaw kemm minħabba li ġew detenuti kontra l-liġi u kif ukoll għaliex ġew trattati b'mod inuman u dan kif spjegat aħjar fir-rikors promotur tagħhom.

Għalhekk għamlu dawn il-proċeduri peress li jsostnu li d-drittijiet fundamentali tagħhom ġew miksura u dan kif aħjar spjegat aktar 'l isfel.

**Punti ta' Liġi**

Ir-rikorrenti jilmentaw li minħabba l-aġir ta' l-intimati jew min minnhom, huma qabel xejn ġew imċaħħda mil-liberta' tagħhom u dan bi ksur tal-artikoli 34, 5, 6 tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni u tal-Karta Ewropeja Tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem [il-Karta] rispettivament u talli bl-istess aġir, l-intimati jew min minnhom espinew lir-rikorrenti għal trattament inuman u degradanti bi ksur tal-artikoli 36, 3, u 4 tal-Kostituzzjoni, Konvenzjoni u l-Karta rispettivament.

**Konsiderazzjonijiet**

Qabel ma din il-Qorti tikkonsidra l-mertu, ikun utli li jkunu epurati l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimati. L-ewwel waħda tirrigwarda l-interess ġuridiku u l-oħra l-irritwalita' tal-proċedura inkwantu qed jintalab li hemm Ksur tal-Karta Ewropeja Tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. L-ewwel li ser ikun ikkunsidrat huwa l-aħħar punt.

*<u>L-irritwalita' tal-proċedura fir-rigward ta' ksur tal-Karta.</u>*

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu dikjarazzjoni ta' ksur ta' numru ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem kif imħarsa mill-Kostituzzjoni, Konvenzjoni u l-Karta. Dan għamluh bil-proċedura tar-rikors mhux ġuramentat.

Il-proċedura għall-ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem hija kjarament stabbilita minn L.S. 12/09. Regolament 2 jiddisponi hekk:

"*Il-proċedimenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li jsiru skond l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skond l-artikolu 4(1) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-proċedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta għandhom jinbdew permezz ta' rikors."*

Dawn ir-regolamenti ma jiddisponux dwar liema għandha tkun il-proċedura f'kas ta' proċediment f'każ ta' xi ksur taħt il-Karta. Pero', regolament 7 jiddisponi li "*Barra minn dak li huwa mahsub mod iehor f'dawn ir-regoli, id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, minn hawn 'il quddiem imsejjah "il-Kodici", u ta' kull legislazzjoni sussidjarja magħmula bis-sahha tal-Kodici għandhom japplikaw m u t a t i s m u t a n d i s għal procedimenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti Kostituzzjonali imsemmija fir-regola 2."* Dan ifisser li biex inkunu nafu liema hi l-proċedura fil-każ tal-Karta, irridu naqgħu fuq il-provvedimenti tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikou 125 ta' dan il-Kap jiddisponi hekk:

"(*1) Fil-qrati superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, ordinarjament, jitmexxa b'rikors, sija ġuramentat jew le, skont ma tgħid il-liġi.*

*(2) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati(Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, jitmexxa b'rikors*" (emfażi tal-Qorti).

Minn dan l-artikolu jidher ċar, li r-rikors jista' jkun sempliċi jew ġuramentat. Fil-kas ta' proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dan għandu jsir b'rikors li ma jkunx ġuramentat. Mad-daqqa t'għajn, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni, li anke quddiem il-Qrati Superjuri dan jista' jsir b'rikors mhux ġuramentat. Dan huwa minnu, iżda biss fejn il-liġi espressament tippermettih altrimenti r-rikors ġuramentat huwa l-forma solenni li trid tintuża ordinarjament.

Ma għandu jkun hemm ebda dubbju, li rikors bħal dak li għandha quddiemha l-Qorti huwa kawża, tant li anke appell hemm minnha. Dan huwa wkoll komminat minn artikolu 161 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

*"(1) Fil-Qrati Superjuri u tal-Maġistrati f'Malta u Għawdex, il-proċediment ordinarju jitmexxa b'rikors iżda f'dawk superjuri għandu jkun ġuramentat.*

*(2) Il-proċedimenti jistgħu jitmexxew b'rikors fil-każijiet preskritti bi jew skont xi liġi".*

Issa forsi wieħed jistaqsi, jekk allura kienx il-każ, li r-rikorrenti b'inkonvinjent kemm ta' spejjes u anke ta' provi, kellhom jagħmlu rikors sa fejn jirrigwarda ksur taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u rikors ġuramentat sa fejn

jirrigwarda l-Karta. Sfortunatament it-tweġiba hija fl-affermattiv, għaliex l-artikolu 164 jgħid li *"Ma hemmx nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors minflok tinġieb b'rikors ġuramentat" j*għid ukoll iżda li *"dan is-sub artikolu għandhom japplikaw meta skont xi liġi oħra li ma tkunx dan il-Kodiċi l-proċedimenti għandhom jinbdew b'rikors".*(Emfażi tal-Qorti).

Issa artikolu 7 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li *"Meta jiġi allegat illi xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u xi wieħed mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 33 sa 45 (magħdudin) tal-Kostituzzjoni ġie, ikun qed jiġi jew x'aktarx ser jiġi miksur, it-talba għar-rimedju jew ir-riferenzalill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoniu dan l-artikolu, tista' ssir fl-istess rikors jew riferenza".* (Emfażi tal-Qorti).

Kieku l-leġislatur ried isemmi li jista' jsir rikors ġuramentat kien jgħid għaliex *ubi lex voluit dixit.* Il-Qorti temmen li dan huwa hekk, għaliex fil-mument li daħal in vigore l-Kap 319 u ċioe' fid-19 ta' Awwissu 1987, il-Karta ma kinitx parti mill-ordinament ġuridiku tagħna, għaliex Malta saret Membru tal-Unjoni fl-2004 u minn dik is-sena biss jew f'xi data wara dik is-sena, li l-Karta saret vinkolanti fuq l-Istat Malti. Issa jista' jkun, li meta Malta tat l-adeżjoni tagħha għat-Trattat ta' Greċja, bi żvista naqset li tintroduċi proċedura fil-każ ta' ksur tal-Karta, bħal dik stabbilita fil-każ tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Imma *dura lex sed lex*.

Il-Qorti tfakkar, li kwistjoni ta' proċedura hija waħda ta' ordni pubbliku. Il-proċedura trid tkun osservata *ad unguem* sakemm ma tkunx tista' tissewwa

bis-saħħa ta' regola oħra tal-liġi. L-anqas ma hemm lok li jkun applikat l-Istitut tal-ekwipollenza għaliex "*Huwa paċifiku illi l-liġi ta' proċedura 'si debbono osservare alla lettera e non per equipollens*' (**Vol. XVIII p.i p. 879**).

Il-Qorti tagħmilha ċara, li f'ebda ħin ma hu jingħad li l-Karta ma tagħmilx parti mir-reġim legali Malti. Dan kemm -il darba irribadewh il-Qrati Maltin li llum il-Karta hija parti mil-liġijiet tagħna. Li qed jingħad huwa, li l-Unjoni ħallietha f'idejn kull Stat Membru li jistabilixxi l-proċedura. Kull min ma jużax il-proċedura korretta *sibi imputet* jekk il-konsegwenzi jkunu gravi.

Dan ifisser, li l-eċċezzjoni tal-intimat f'dan ir-rigward ser tkun milqugħa. Dan ifisser ukoll, li din il-Qorti mhux ser tkun qed tikkonsidra l-ksur tal-Karta minħabba dan l-aspett ta' irritwalita' tal-proċedura daqs li kieku qatt ma saret referenza għall-Karta.

*<u>L-interess ġuridiku</u>*

L-"*interess ġuridiku",* huwa element ġuridiku li jrid jeżisti fil-mument li tkun saret Kawża sabiex kawża tkun kemm sostanzjalment u anke proċeduralment sana. Dan huwa element li jrid jipperdura tul il-Kawża u jekk f'xi waqt matul il-kawża l-Attur jitilfu, anke l-kawża ma jifdalla ebda siwi u tintrema 'l barra.

Bħala definizzjoni ta' x'inhuwa *interess ġuridiku,* dawn il-Qrati sabu, li l-aħjar waħda hija dik mogħtija mill-ġurista Taljan Lodovico Mortara u ċioe *"L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un*

*giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."* (Ara **Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VolI p.588**).

Pero dawn il-Qrati, partikularment fi kwistjonijiet ta' natura Kostituzzjonali u anke *ta' planning law*, attribwew tifsira aktar wiesgħa lil dan il-kunċett. Di fatti ġie spjegat, li dan l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid. Jista' jkun ukoll maħsub biex jimmira li jħares jew jagħti għarfien għall-jedd morali jew suġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku. (Ara Sentenzi fl-ismijiet **Axiaq -vs- Mizzi noe et, Prim Awla Qorti Ċivili, deċiża fit-13 ta' Ottubru 1952; Scolaro -vs- Bailey, Appell Ċivili deċiż fil-15 ta' Diċembru 1932; Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin, Prim'Awla Qorti Ċivili deċiż fit-28 ta' Marzu 2003**).

Din il-Qorti żżid ukoll, li biex jirrejalizza l-interess ġuridiku, min jippromwovi l-Kawża jrid iressaq provi fattwali biex ikun jista' jingħad li dan jeżisti. Il-Qrati Ċivili jiddeċiedu fuq fatti konkreti pprovati u mhux fuq konġetturi u supposizzjonijiet jew sempliċi pretensjonijiet jew allegazzjonijiet. Għalhekk min jagħmel il-Kawża, rinfaċċjat bl-eċċezzjoni ta' karenza ta' interess ġuridiku jrid jipprova l-fatti li jikkostitwixxu l-ilment li qed iressaq. Dan japplika partikolarment meta l-kawża tiġi istitwita minn għadd ta' persuni.

Artikolu 161 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li "*Zewġ atturi jew aktar jistgħu jibdew il-kawżi tagħhom permezz ta' rikors ġuramentat jew rikors mhux ġuramentat wieħed skont il-każ, jekk il-kawżi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minħabbafil-mertu tagħhom jew jekk id-deċiżjoni li tingħata dwar waħda mill-kawżi tista' tolqot id-deċiżjoni dwar il-kawża jew il-kawżi l-oħra u jekk il-provi li jinġiebu f'waħda mill-kawżi jkunu,ġeneralment, l-istess provi li għandhom jinġiebu fil-kawża jew fil-kawżi l-oħra. Ir-raġuni għaliex ikunu qegħdin isiru l-kawżi u l-mertu tagħhom għandhom jiġu dikjarati b'mod ċar u speċifiku minn kull attur".*

Issa kif rajna, l-provvedimenti ta' dan il-Kodiċi huma applikabbli għal dawn il-proċeduri bis-saħħa tar-regolament 7 tal-L.S 12/09. Għalhekk huwa mistenni, li kull min jissieħeb fi skrittura ġudizzjarja waħda għandu jgħid il-fatti li jirrigwardaw lilu u jgħidhom mhux biss b'dikjarazzjoni ordinarja, iżda b'waħda ġuramentata għaliex altrimenti jekk dak li jkun ma jgħidx il-verita, din il-Qorti ma tkunx tista' tiprovdi għall-miżuri punitivi skond il-liġi.

Huwa minnu wkoll, li l-liġi tippermetti li meta jkun hemm multipliċita' ta' Atturi, l-att li bih tkun introdotta l-azzjoni, jista' jkun jkun maħluf minn wieħed biss mill-partijiet (Ara artikolu 156(5) tal-kap12 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan ma jfissirx li b'daqshekk l-oħrajn huma meħlusin jew eżentati milli jagħmlu l-provi jew li ma jipprestawx il-ġurament biex isostnu l-fatti sa fejn jirrigwardaw lilhom. Fil-fehma tal-Qorti dan jgħodd b'aktar qawwa f'każ ta' rikors li ma jkunx ġuramentat bħal ma huwa l-każ odjern.

Issa l-Qorti tosserva, li r-rikors ġie presentat mir-rikorrenti kollha. B'dana kollu, minnhom kollha xehdu biss bil-mezz tal-affidavit disgħa (9) minn tnejn u tletin (32) rikorrent. Dawn huma **Ahmed Koulibaly, Alloh Banga Wilfried Nathan, Sheku Camara, Osman Jalloh, Mohammed Conde', Alhaji Sahid Jalloh, Alpha Maju Sesay** (a' fol 69 sa 111) u kif ukoll **Moussa Camara u Sulaiman Kamara** (a' fol 643 u fol 637). Il-Qorti l-anqas qatt ma rat lir-rikorrenti kollha quddiema, ħlief uħud minnhom li dehru fl-ewwel żewġ seduti. Din il-Qorti ma tqies xejn sewwa, li ħafna mir-rikorrenti deherilhom li jistrieħu fuq l-affidavits tad-disgħa l-oħra.

Rajna li l-interess ġuridiku huwa fondat fuq il-prova tal-fatti u mhux fuq supposizzjonijiet u jew pretensjonijiet. Il-Qorti ma tistax tissoponi li dawk li xehdu għamlu hekk fl-interess tal-oħrajn għaliex meta wieħed jeżamina dawn l-affidavits fihom hemm fatti partikolari għal min għamilhom, bħal meta allegatament il-kok rema' l-ikel il-baħar jew meta wieħed prova jixrob is-*shampoo* u tant fatti partikolari oħrajn li jirreferu biss għal min għażel li jagħmel l-affidavit.

Ma hemmx interess ġuridiku jekk ma jkunx hemm provi fattwali li jikkonfortaw il-lanjanza jew jorbtu mal-ilment ta' min jagħmel il-proċedura, ta' l-inqas sa fejn jirrigwarda lilu.

Di pju', tibqa' dejjem regola pedamentali, li min jallega jrid jipprova dik l-allegazzjoni sakemm il-prova ma tkunx fil-pussess esklussiv tal-Istat, li allura l-oneru tal-prova jitqiegħed fuqu salv għal dak li ser jingħad aktar 'l isfel. Fil-konfront ta' dawk li presentaw ir-rikors, mingħajr ma ta' l-inqas

ikkonfermaw l-ilment tagħhom bil-ġurament, il-provi huma addirittura assenti jew marġinali.

Kull wieħed minnhom imkien ma jirrikorri ismu fil-provi mressqa. Apparti d-dokument imħejji mir-rikorrenti anness mar-rikors promotur u li għalhekk mhux prova akkwiżita waqt l-*iter* probatorju tar-rikors u jeżisti wkoll dokument wieħed, fejn jissemma' biss ċertu Keita u l-anqas huwa ċert jekk dan hux Nabi Keita r-rikorrent (a' fol 232). L-oħrajn f'dan id-dokument, l-anqas huma rikorrenti f'din il-proċedura. Inħela' aktar ħin fuq kif ġew maħruġa t-tenders tal-vapuri li spiċċaw fuqhom ir-rikorrenti, li fil-fehma tal-Qorti hija prova rrelevanti għall-każ, milli li saru l-provi fil-konfront ta' kull rikorrent biex ikun issostanzjat l-ilment individwali tiegħu u la darba għażlu li ma jixhdux.

Għalhekk, l-interess ġuridiku ta' bosta rikorrenti tassew huwa mankanti salv ta' dawk id-disgħa fuq imsemmija, li għamlu x-xhieda tagħhom bil-mezz tal-affidavit.

<u>*Il-Mertu*</u>

Issa fi proċeduri bħal dawn, ikun diffiċli għal min ikun qiegħed jagħmel l-allegazzjoni biex jipprovaha għaliex il-massa tal-provi jkunu jiddependu mill-Istat. Għalhekk il-massima legali ta' <u>*ei qui allegat incumbit onus probandi*</u> ma hiex daqshekk riġida u inflessibbli. F'dan ir-rigward intqal hekk:

*"The Convention proceedings do not in all cases lend themselves to a strict application of the principle affirmanti incumbit probatio (he who alleges*

*something must prove that allegation) (Blokhin v. Russia [GC], 2016, § 140). <u>Where the events in issue lie wholly, or in large part, within the exclusive knowledge of the authorities</u>, as in the case of persons within their control in custody, strong presumptions of fact will arise in respect of injuries occurring during such detention. The burden of proof is then on the Government to provide a satisfactory and convincing explanation by producing evidence establishing facts which cast doubt on the account of events given by the victim (Salman v. Turkey [GC], 2000, § 100). In the absence of such an explanation, the Court can draw inference which may be unfavourable for the Government"* (**Bouyid v. Belgium [GC], 2015, § 83; see, for example, Lapunov v. Russia, 2023, §§ 103-106**).

Dan ifisser li dak li jgħid min jilmenta ma jistax jittieħed bħala vanġelu. Għandu jkun ikkoroborat mill-parti, sakemm il-prova li jixtieq jagħmel ma jistax jipproduċiha għax hija posseduta mill-Istat jew li sta għall-istat li jressaq provi kredibbli u b'saħħithom biżżejjed biex f'moħħ mingħandu jiddeċiedi titnissel fehma soda li dak li jitressaq biex jikkontradixxi l-verżjoni ta' min għamel il-kawża huwa attendibbli u anke verosimili. Di pju, minn qari tar-rikors, l-ilment tar-rikorrenti huwa immirat fil-maġġor parti tiegħu għal meta r-rikorrenti kienu fuq il-baħar. Dan anke osservatu l-Qorti tal-Appell fis-Sentenza parzjali tagħha (ara para 2 tas-Sentenza)

*<u>Artikolu 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni</u>*

Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jiddisponi hekk :

*"Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti".* Mentri li artikolu 3 tal-Konvenzjoni jiddisponi li "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti".*

Il-Qorti tibda biex tissenjala dawn il-fatti fil-każ partikulari li għandha quddiemha.

1. Li fil-waqt li din il-Qorti tissimpatizza mar-rikorrenti li ħarbu mill-miżerji ta' pajjiżhom, jibqa' l-fatt, li spiċċaw fit-territorju Malti mingħajr il-permessi relattivi. Ma jnaqqas xejn minn dan il-fatt, li l-presenza tagħhom kienet frott ta' operazzjoni ta' salvataġġ. L-Istat Malti ma setax jagħmel mod ieħor minħabba kemm l-obbligazzjonijiet li għandu bi trattati internazzjonali u kif ukoll għaliex huwa obbligu tal-liġi naturali, li ħajja ta' bniedem għandha tkun salvata.

2. Li meta r-rikorrenti ġew salvati, dan seħħ f'mument meta Malta kienet assedjata mill-pandemija tal-Covid li bħal f'ħafna pajjiżi oħrajn ġabet magħha ħafna restrizzjonijiet fuq kulħadd. Dan huwa soġġett għal dak li ser jingħad aktar 'l isfel.

3. Li dak in-nhar mal-wasla tar-rikorrenti l-portijiet kienu magħluqin għal kulħadd mingħajr eċċezzjoni, ħlief għal vapuri li kienu jġibu provvisti essenzjali. L-ajruport u l-industrija kollha tat-turiżmu kienu fil-'friża'.

4. Li r-risorzi tal-pajjiżi kienu mġebbda sal-limitu u bil-Gvern jinqabad fuq sieq waħda bl-avvent inaspettat tar-rikorrenti u li allura kellu jara kif jagħmel biex jalloġġja, jitma' u jipprovdi għall-bżonnijiet kollha tar-rikorrenti.

5. Li mill-provi prodotti ma għandu jkun hemm ebda dubbju li dan ma kienx każ ta' tortura. Li trid tqies il-Qorti huwa jekk dak li jilmentaw minnu r-rikorrenti huwiex trattament degradanti jew inuman jew kif anke josservaw **Harris, Warbrick and O'Boyle** jistgħu jkunu t-tnejn għaliex dawn jintreċċaw ġo xulxin (Ara **Law of The European Convention of Human Rights, 4th Ed, pg 260**).

Bħala prinċipju ġenerali ġie spjegat li "*Treatment is considered to be "degrading" when it humiliates or debases an individual, showing a lack of respect for, or diminishing, his or her human dignity, or arouses feelings of fear, anguish or inferiority capable of breaking an individual's moral and physical resistance. It may suffice that the victim is humiliated in his or her own eyes, even if not in the eyes of others. Furthermore, although the question whether the purpose of the treatment was to humiliate or debase the victim is a factor to be taken into account, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3*" (**Ara Gäfgen v. Germany [GC], 2010, § 89; Ilaşcu and Others v. Moldova and Russia [GC], 2004, § 425; M.S.S. v. Belgium and Greece [GC], 2011, § 220**).

Il-Qorti hija konvinta li l-Gvern Malti mexa in bwona fede u żgur li ma kellux il-ħsieb premeditat li jiddegradixxi jew jitratta inumanament lir-rikorrenti. Pero' kif spjegat, in-nuqqas ta' ħsieb ħażin, mhux bil-fors jista' jeżonera lill-Gvern mis-sejbien ta' responsabbilita' ta' ksur ta' dan id-dritt fundamentali. Fi ftit kliem l-għemil għandu wkoll jiġi eżaminat minn lenti oġġettiva. Tkun

aktar gravi jekk ikun hemm mala fede min-naħa tal-Awtoritajiet li f'dan il-każ il-Qorti qed teskludih b'mod mill-aktar assolut.

Ir-rikorrenti jagħmlu referenza għall-każ ta' **Khlaifia kontra l-Italja.** Iżda ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, għalkemm hemm xebħ ma' dak tal-lum, ma hux preċiżament l-istess bħal dak li għandha quddiemha din il-Qorti. Fil-każ ta' Khlaifia l-persuni kienu allegatament insultati u maltrattati fiżikament mill-Pulizija. Di pju', f'dak il-każ il-persuni tqiegħdu fuq dgħajsa minħabba rewwixxta fuq l-art, li fiha anke weġġħu xi Pulizija u li għalhekk kien hemm sens ta' tpattija evidenti, li ma hux permess assolutament. Imma jibqa' l-fatt li ċ-ċirkostanzi ma kinux għal kollox l-istess bħall-każ odjern.

Issa kif ingħad aktar 'l fuq, li l-oneru tal-prova li ma kienx hemm maltrattament taqa' fuq l-Istat li jirribatti l-allegazzjonijiet li jsirulu, iżda sakemm tali prova ma tistax issir minn min jallega. L-emfażi hija fuq il-kliem ... **sakemm ma tistax issir.** Fejn l-allegazzjoni tista' tkun ippruvata, dik il-prova għandha tinġieb mill-parti li tkun qed tagħmel l-allegazzjoni. Issa l-Qorti qieset dan kollu billi fliet il-provi fir-rigward ta' dawk ir-rikorrenti li xehdu għaliex fil-konfront tagħhom biss ser tiddeċiedi.

Jibda biex jingħad li r-rikorrent Ahmed Kouloubily jgħid li ħadd ma kien *positive* għall-Covid. Iżda Dr. Charmaine Gauci tixhed li kien mar nurse biex ittieħdu l-iswabs u li kien hemm minnhom kienu ħarġu *positive* (a' fol 151 tergo). Ir-rikorrenti jilmentaw, li fuq id-dgħajsa kien hemm madwar 120 ruħ kollha ta' nazzjon differenti u l-ħin kollu jagħtu bejniethom għaliex kienu manifestament taħt stress (a' fol 70).

Il-Qorti tifhem li huma kellhom stress u tikkumpatihom, għaliex wara jiem jiggaleġġjaw fil-baħar miftuħ, ċertament marsusin u x'aktarx fuq dgħajsa nieqsa mill-bżonnijiet kollha, ma jistax ikun mod ieħor (ara ritratt tad-dgħajsa a' fol 33). L-anqas ma din il-Qorti qed teskludi li l-presenza tagħhom fuq il-baħar meta ġew salvati ma serva xejn biex inaqqas minn dan l-istress. Imma l-anqas din il-Qorti ma tista' tikkonkludi li dan l-istress ġie **unikament** ikkawżat mill-kundizzjonijiet li kellhom fuq dawn id-dgħajjes. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll, li ma kinux jingħataw biżżejjed ikel għaliex wara jiem bejn sema u ilma bil-fors ikollok ħafna ġuħ. Jallegaw ukoll li l-kok kien jarmilhom l-ikel il-baħar (a' fol 71). B'dan kollu, ir-rikorrenti ma ressqu ebda xhieda estraneja biex jikorroboraw dan. Din żgur ma hiex prova li kellhom jagħmlu l-intimati biex jiċħdu din l-allegazzjoni. Anzi skond Kevin Zammit Briffa, General Manager ta' Captain Morgan, dawn kienu jissuplixxuhom b'ikel, sigaretti, ħelu, mediċini, xorb, telephones, ħwejjeġ, u gvieret. Dan kien isir tlieta, erbgħa darbiet kuljum (a' fol 55 u tergo). Qatt ma resqu lil dan il-kok biex jipprovaw dan il-fatt għalkemm il-Qorti tobsor x'seta' jgħid. Imma ta' l-inqas il-Qorti kienet tkun tista' tevalwa x-xhieda tiegħu *viva voce* u l-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda. Il-Ġudikant tenut li jasal għall-konklużjoni mhux biss minn dak li jgħid ix-xhud iżda anke mill-mod kif jixhed u l-komportament tiegħu waqt li qed jixhed.

Ir-rikorrenti jilmentaw li ma kienx hemm privatezza. Li ma jkunx hemm spazju biżżejjed u diċenti għal waqt tal-irqad jista' jagħti lok għal ilment, iżda li ma jkunx hemm privatezza fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ

partikulari, ma hux element *sine qua non*, jew li jista jwassal biex jirriżulta maltrattament inuman jew degradanti. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti anke jilmentaw fir-rikors tagħhom billi jgħidu li fuq il-bastiment kien hemm nisa u irġiel li kellhom x'jaqsmu ma xulxin meta mill-provi ma jirriżulta xejn minn dan kollu.

Wieħed mir-rikorrenti jgħid li l-ewwel darba li biddlu l-ħwejjeġ kienet meta niżlu l-art, jiġifieri wara ġimgħatejn fuq il-baħar. Pero' dan fih inniffsu ma jistax jitqies li huwa trattament inuman, anke fid-dawl tax-xhieda mressqa mill-intimati li ħwejjeġ kienu jibgħatulhom. Wieħed mir-rikorrenti jgħid li kien maltrattat minn wieħed tas-sigurta' tant li kellu jaqbeż fil-baħar (a' fol 72). B'dana kollu, ma hemm ebda prova dwar dan. L-intimati ma jistgħux jagħmlu l-prova dwar dan, jekk qatt, fatt bħal dan kien jispetta lir-rikorrent li allegah jipprovah billi jressaq provi oħra in korroborazzjoni ta' dan il-fatt bhal ma huma sħabu u rikorrenti oħrajn li ċertament kienu presenti għal dan l-episodju.

Alloh Banga jixhed li dam fuq il-Captain Morgan mit-22 ta' Mejju 2020 sas-6 ta' Ġunju 2020 (a' fol 77). Qalulhom li kienu fuq il-vapur minħabba l-kwarantina tal-Covid. (ibid). Ma gidbulhomx, għaliex dan kien minnu. Pero' dan jgħid ukoll li t-tobba kienu ġew darbtejn biss u li f'dawk il-ħmistax -il ġurnata ma ġew ebda avukati jew *social workers*. Issa mill-provi prodotti mill-intimati jirriżulta, li sa fejn jirrigwarda ż-żjarat tat-tobba u paramediċi x-xhieda turi mod ieħor tant li waħda minn dawn il-paramediċi tgħid li "*There were also a number of medical visits aboard all the boats where all medical*

*complaints were tended to and any treatment needed was being prescribed. Any vulnerabilities and or medical emergencies were immedatiely tended to and brought to shore via a Medevac".*

Kaptan Previ jgħid li ma kienx hemm nurse pero' kull darba li kien hemm bżonn kien iċempel lil *boss* u jibgħatilhom nurse (a' fol 517E tergo). Kevin Mahoney jispjega li r-Red Cross kienu jagħmlu mal-erba' u ħames siegħat kull darba li jitilgħu. Kienu jaraw l-istat mentali tagħhom, is-saħħa fiżika. Kien ikun hemm ukoll nurses biex jimmedikawhom fil-waqt tfal u nisa ma kinux miżmuma fun id-dgħajjes (a' fol 547).

Ir-rikorrenti jgħidu wkoll li kellhom aċċess limitat għall-internet, iżda kif xehdu wħud mill-intimati kienu ġew provduti *mobiles*. Fil-fatt Kevin Mahoney, is-Segretarju Permanenti jixhed, li kienu jagħtuhom il-*mobiles* u jassiguraw li għandhom provvista adegwata ta' ilma. Kien hemm problemi fil-bidu sakemm ġie stabbilit *pattern* (a' fol 547 tergo). Issa, jekk l-internet kienx ikun maqtugħ minħabba problemi tekniċi jew minħabba fejn kienu posizzjonati fuq il-baħar, jew għaliex l-Awtoritajiet kien jaqtgħuh minn żmien għal żmien, din il-Qorti ma tistax tgħid bi preċiżjoni. Imma li hu żgur huwa, li kien hemm mumenti fejn setgħu iċemplu anke lil qrabathom, ħaġa li sakemm kienu fuq il-baħar miftuħ minn fejn ġew salvati ma kinitx tista' issir. Huma jgħidu fir-rikors li l-frekwenza kienet ħażina u l-anqas setgħu jikkomunikaw ma' qrabathom.

Imma din il-Qorti temmen li min isib ruħu f'sitwazzjoni bħal din, ma jistax jippretendi li jkollu l-kumditajiet bħal f'sitwazzjoni normali. Il-Qorti veru

temmen, li l-intimati kienu qegħdin jipprovaw jagħmlu dak kollu possibbli, iżda ċ-ċirkostanzi li ġew fuqhom improvvisament u tax-xorta nnovattiva tagħhom, kif anke jixhed Kevin Mahoney, kien hemm ukoll limitazzjoni fuq l-għemil tagħhom. Dan ix-xhud jispjega li din kienet xi ħaġa ġdida għad-dipartiment li kellu jħalli n-nies fuq il-baħar. (a' fol 549).

F'dan ir-rigward il-Prim Ministru wkoll jispjega li dak in-nhar il-Gvern sab ruħu f'emerġenza li d-dinja kienet qatt għadha ma rat bħalha (a' fol 573). Jispjega li ttieħdet dik id-deċiżjoni għaliex iċ-Ċentri kienu mimlijin u li dawn iċ-Ċentri ma kinux jifilħu aktar u dan anke fil-kuntest li kien hemm ordni li n-nies ma setgħux jidħlu fil-pajjiż. (a' fol 575). Il-Ministru Byron Camilleri jgħid li l-ilmenti tar-rikorrenti qatt ma waslu għandu (a' fol 583). Jgħid ukoll li kienu jintbgħatu kemm tobba u kemm nurses biex jiċċekkjaw u jagħtu s-servizz mediku u li r-rikorrenti ngħataw id-dritt li japplikaw għall-ażil (a' fol 584).

Jalloh jixhed li bid-dispramament li qabbdu xorob is-*shampoo* u ttieħed 'Monti Carmeli'. Meta reġa' lura Ħal-Far ġie jkellmu psikoloġista (a' fol 92). Reġa' xorob is-*shampoo* għaliex ma felaħx aktar (ibid). Kien prova anke jitgħallaq għaliex ried jiġi meħlus u qabeż u ttieħed l-isptar(ibid). Għal darba oħra, l-inqas ħaġa li seta' jagħmel hu li jħarrek lill-psikologa biex tikkonferma dan. Iżda dan ma għamlux. L-anqas ma tista' din il-Qorti tistabilixxi jekk l-istat mentali ta' dan ir-rikorrent kienx pre-eżistenti qabel ma ħarab minn pajjiżu. Alhaji Sahid Jalloh ittieħed l-isptar u jgħid "*In hospital it was very terrible because the security was with me all the time and I was handcuffed to the*

*bed*" (a' fol 103). Għal darba oħra biex jikkorobora din l-allegazzjoni, l-aktar ħaġa faċli kienet li jħarrek lill-Awtoritajiet tal-isptar biex jikkonfermaw dan il-fatt iżda dan ma għamlux.

Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll mill-baħar imqalleb u anke li kien temp kiesaħ u ġieli sħana kbira. Dan huwa konfermat mill-kaptan Ryan Previ. Pero' l-Qorti ma tarax li dan jammonta għal trattament inuman għaliex wara kollox kienet ħtieġa mitluba mill-Awtoritajiet tas-Saħħa li jkunu fuq il-vapuri meta l-portijiet ikunu magħluqin. Dan huwa wkoll fatt naturali li ma għandu x'jaħti xejn għalih l-Istat ta' Malta. Kif xehdet kemm -il darba Dr. Charmaine Gauci. Ċirkostanza li pero' tippreokkupa lill-Qorti hija, li l-vapuri li kienu fuqhom ir-rikorrenti ma kinux maħsuba biex jospitaw daqstant nies biex jorqdu fuqhom. Jidher li fuq dan il-punt anke l-partijiet huma konkordi. Il-Qorti kkonstatat li r-rikorrenti kienu jorqdu fuq il-Gverta tal-vapuri, ġo *sleeping bags* u wħud anke fuq l-imwejjed (Ara ritratti a' fol 222). Minn dawn ir-ritratti jirriżulta li kienu jorqdu qishom sardin bl-ilma tal-baħar ġieli jidħol fuqhom. Skond Kevin Zammit Briffa, manager ma' Captain Morgan, kienu neħħew l-imwejjed u s-siġġijiet u għamlu forma ta' dormitorju. Kellhom ukoll *sleeping bags* (a' fol 59 tergo). Żiedu xi *toilets* u kienu jingħataw *toiletries* meħtieġa (a' fol 60). L-Atalantis kellha ħamsa, l-Europa 2 xi ħamsa jew sitta. Iżda l-Qorti fil-kuxjenza tagħha tassew tħoss li ma kienx hemm mezzi sanitarji li minimament huma adegwati għal dik il-kwantita' ta' nies. Issa forsi wieħed jista' jargumenta li l-intimati ma setgħux jagħmlu mod ieħor

għaliex fiċ-ċirkostanzi tal-każ kellhom jinqdew b'dak li ħareġ il-pirjol, imma kif ser jingħad, dan ma hux skużanti f'għajnejn il-QEHD.

Il-Qorti ma tistax ma tfakkarx li l-Istat Malti kien f'sitwazzjoni ta' emerġenza nazzjonali. Il-vapuri ma tfaqqax subgħajk u ssibhom kif tixtieqhom f'sitwazzjoni eċċezzjonali bħal din. Minħabba ċ-ċirkostanzi l-Istat Malti kien kiteb lill-Kumissjonarju Ewropej u qaltlu hekk fid-29 ta' April 2020:

"(a) *Malta reiterates its concerns that faced with a situation of overstretched state resources, an unprecedented health crisises, the absence of solidarity from European partners, the Government of Malta had no other position but to announce that it's authorities can only carry out the primary obligation of co-ordinating Search and Rescue efforts in it's Search and Rescue area. Malta is not in a position to ensure the availability of a 'safe place' on the Maltese territory to any persons rescued at sea".* U (b) li "*in view of the current pandemic, Malta has closed all its ports to all incoming vessels, including cruise liners..."* (c) "*With a population debsity of 1,562 person per square kilometre, the highest, in EU, and with rhe reception centres having reached their maximum capacity, Malta urgently needs immediate relocation effort".* (a' fol 20 tergo u 21).

U fi Press Release tas-6 ta' Lulju 2020 il-Gvern Malti ta spjega għalfejn ittieħdu ċertu deċiżjonijet b'referenza għal każ tar-rikorrenti fejn qal "*Din l-operazzjoni kienet essenzjali f'mument straordinarju ta' emerġenza ta' saħħa pubblika u kull decizjoni kienet fl-interess tas-saħħa tan-nies nazzjonali. L-inizjattiva kienet bzonnjuza meta wieħed iqis li kien hemm*

*immigranti irregolari li waslu fi bnadi differenti tal-Meditterran li kienu posittivi għal Covid-19*".

Imma għalkemm din il-Qorti tikkompatixxi lill-Istat Malti, ma tistax ma tagħmilx referenza għal dak li tgħallem il-Qorti QEHD u ċioe' li "*Article 3 of the Convention enshrines one of the most fundamental values of democratic societies. Indeed, the prohibition of torture and inhuman or degrading treatment or punishment is a value of civilisation closely bound up with respect for human dignity (Bouyid v. Belgium [GC], 2015, § 81). The prohibition in question is absolute, no derogation from it being permissible under Article 15 § 2 even in the event of a public emergency threatening the life of the nation or in the most difficult circumstances, such as the fight against terrorism and organised crime or influx of migrants and asylum-seekers, irrespective of the conduct of the person concerned*" (**Bouyid v. Belgium [GC], 2015, § 81A. and Others v. the United Kingdom [GC], 2009, § 126; Mocanu and Others v. Romania [GC], 2014, § 315; El-Masri v. the former Yugoslav Republic of Macedonia [GC], 2012, § 195 and Z.A. and Others v. Russia [GC], 2009, §§ 187 188**).

Artikolu 15(2) tal-Konvenzjoni jagħmilha ċara li ma hemmx derogi mill-ħarsien tad-drittijiet tal-Bniedem ħlief *"fi żmien ta' gwerra jew ta' emerġenza oħra pubblika li thedded il-ħajja tan-nazzjon".* Dan l-artikolu jgħid ukoll li meta Stat ikun ser japplika din id-deroga fil-każ taż-żewġ istanzi għandu jinforma "*b'kollox lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-*

*miżuri li tkun ħadet u r raġunijiet tagħhom. Għandha wkoll tinforma lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa meta dawk il-miżuri jkunu spiċċaw li joperaw u d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni jkunu qegħdin jerġgħu jiġu esegwiti kompletament".*

Issa fil-każ inkwistjoni l-Gvern ħareġ ukoll stqarrija fejn jiddiskrivi s-sitwazzjoni bħala stat ta' emerġenza ta' saħħa pubblika. F'dan ir-rigward il-QEHD tispjega li emerġenza nazzjonali tfisser "*an exceptional situation of crisis or emergency which affects the whole population and constitutes a threat to the organised life of the community of which the State is composed"* (Ara **Lawless v. Ireland (no. 3), 1961, § 28**).

Anke taħt il-Kostituzzjoni l-frażi "*emerġenza pubblika*" għandha tifsira u preċiża tant li artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:

*"F'dan il-Kapitolu "perijodu ta' emerġenza pubblika" tfisser kull perijodu li matulu –*

*(a) Malta tkun qegħda f'xi gwerra;*

*(b) jew tkun isseħħ proklama mill-President li tiddikjara li jeżisti stat ta' emerġenza pubblika;*

(c) *jew tkun isseħħ riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li jkun hemm jaqblu magħha l-voti ta' mħux anqas minn żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra li tiddikjara li l-istituzzjonijiet demokratiċi f'Malta huma mhedda b'sovversjoni*".

Il-Qorti tifhem li kemm il-Kostituzzjoni u anke l-Konvenzjoni ma jridux li l-frażi "*emerġenza pubblika*" tingħata tifsira wiesgħa biex proprju l-Awtorita

pubblika ma tabbużax minnha biex tissospendi l-ħarsien li tagħti l-liġi lid-drittijiet fundamentali tal-Bniedem u dan meta ma jkunx hemm bżonn tas-sospensjoni. Min-naħa l-oħra l-Qorti ma tiċħadx li s-sitwazzjoni kienet kif tgħid l-istqarrija fuq imsemmija u kif jispjega l-Prim Minsitru u ċioe' waħda li tikkonċerna lin-nazzjon kollu u f'sens wiesgħa tal-kelma kienet ta' emerġenza, iżda mhux fis-sens kif trid il-liġi.

Iżda b'idejna fuq qalbna ma nistgħux ngħidu, li l-ħajja organika ta' kommunita' Maltija kienet mhedda u li għalhekk kien ser ikun hemm sfaxx tal-Istituzzjonijiet. Anzi, din il-Qorti b'wiċċha minn quddiem tgħid, li dan kien mument meta kemm l-Istat Malti u l-poplu Malti kollu *"rose to the occasion"* u werew x'jiswew. Għalhekk, din il-Qorti temmen, li artikolu 15 tal-Konvenzjoni ma hux applikabbli u fi kwalunkwe każ, biex id-deroga tkun valida, għandha tkun notifikata kif jippreskrivi dan l-artikolu. Pero dan ma jfissirx li l-Qorti m'għandix tieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ anke minħabba t-temperament ta' danni.

Għalhekk fid-dawl tal-provi akkwiżiti u limitatament għall-ispazju provdut ta' irqad u mezzi sanitarji tul kemm damu r-rikorrenti fuq dawn il-vapuri, qed issib ksur tal-artikoli 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament, pero' mhux fir-rigward ta' l-ilmenti l-oħra mressqa mir-rikorrenti taħt l-irjus tal-liġi li qed ikunu eżaminati f'din il-parti tas-Sentenza. Tispeċifika wkoll, illi l-ksur huwa limitat għal trattament degradanti iżda mhux bħala inuman jew tortura.

*<u>L-artikoli 34 u 5 tal-Kostituzzjoni u l-konvenzjoni</u>*

Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jiddisponi li "*Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi".* Mentru li artikolu 5 tal-Konvenzjoni jiddisponi li "*kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. U Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li issemmi l-liġi."* Għalhekk kif nistgħu naraw iż-żewġ artikoli huma riflessjoni ta' xulxin.

Fir-rigward ta' artikolu 5 tal-Konvenzjoni l-QEDB tgħallem hekk:

"*The Court reiterates that Article 5 enshrines a fundamental human right, namely the protection of the individual against arbitrary interference by the State with his or her right to liberty. Sub-paragraphs (a) to (f) of Article 5 § 1 contain an exhaustive list of permissible grounds on which persons may be deprived of their liberty and no deprivation of liberty will be lawful unless it falls within one of those grounds. Moreover, only a narrow interpretation of those exceptions is consistent with the aim of that provision, namely to ensure that no one is arbitrarily deprived of his or her liberty*" (Ara fost ohrajn Sentenzi fl-ismijiet ***Giulia Manzoni v. Italy*****, 1 July 1997, § 25, *Reports* 1997-IV; *Labita v. Italy* [GC], no. 26772/95, § 170, ECHR 2000-IV; *Velinov v. the former Yugoslav Republic of Macedonia*, no. 16880/08, § 49, 19 September 2013**).

Profs Charmaine Gauci tispjega li *"kull persuna li kienu qegħdin jiġu minn dawn il-pajjizi, konna nitolbu li dawn il-pajjizi jitpoġġew fi kwarantina għal erbgħatax -il ġurnata sakemm aħna nagħmlulhom it-testijiet tal-covid. X'ħin jgħaddu l-erbgħatax -il ġurnata imbagħad aħna nibdew l-iskreening tagħna*

*għat-tuberkolozi ... aħna ma inkunux dħalna fid-decizjoni fejn għandhom jitpoġġew kif għedt, l-importanti li jkunu qegħdin f'izolazzjoni* "(a' fol 150 tergo u 151).

Kevin Mahoney jixhed li sakemm kienu għadhom fuq il-baħar ma kienx għadu tneħħa l-ordni tal-għeluq tal-portijiet u kienu jidħlu biss vapuri għall-provviġjonamenti urġenti tal-pajjiż (Ara nota ta' osservazzjonijiet tal-intimati para 44). Anke l-vapuri tat-Turisti waqfu. (a' fol 545 tergo u 546). Anke ċ-ċentru ta' Ħal-Far kien magħluq minħabba l-pandemija (a' fol 546 tergo).

Skond artikolu 34 tal-Kostituzzjoni waħda mir-raġunijiet għalfejn jista' jkun hemm restrizzjoni tal-liberta tal-moviment "*sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' marda infettiva jew kontaġġuża*". Mentri f'artikolu 5 (f) u (e) tal-Konvenzjoni nsibu li din ir-restrizzjoni hija ammissibbli fost oħrajn fir-rigward "*ta' persuni biex jiġi evitat it-tixrid ta' mard infettiv, ta' persuni mhux f'sensihom, addetti għall-alkohol jew għad-drogi jew vagabondi"* u (f) "*ta' persuna biex jiġi evitat li tidħol mingħajr awtorità fil-pajjiż jew ta'persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għad-deportazzjoni jew għall-estradizzjoni".*

Huwa paċifiku bejn il-partijiet li tul iż-żmien li r-rikorrenti kienu fuq il-baħar, il-portijiet kienu magħluqin u fil-fatt meta din l-ordni tneħħiet ir-rikorrenti setgħu jittieħdu fuq l-art. Issa l-Qorti ma taqbilx mal-argument, li r-rikorrenti kellhom jittieħdu fuq l-art xorta waħda meta l-portijiet kienu għadhom magħluqa, għaliex huma ma kinux igawdu xi privileġġ fuq ħadd ieħor. Dak iż-żmien, ebda bastiment ma seta jidħol salv dawk li kienu jġiebu servizzi

u provvisti essenzjali għall-pajjiż. Il-liġi hija l-liġi. Għalhekk tajjeb jew ħażin, ordni u mhux ordni tal-Awtorita' tas-Saħħa, fattwalment kellhom joqgħodu fuq il-baħar.

Issa f'dan ir-rigward trid issir distinzjoni bejn detenzjoni u restrizzjoni fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-moviment. Tajjeb ukoll li l-Qorti tfakkar, li din ir-restrizzjoni eċċezzjonali kienet tolqot lill-parti kbira tal-poplu Malti. Kienu ristretti li jibqgħu f'dahrhom bir-riskju li jekk joħorġu anke jkunu kkundannati għal multa u anke ħabs f'kas reċediv.

Issa f'dan ir-rigward intqal li "*The requirement to take account of the "type" and "manner of implementation" of the measure in question enables the Court to have regard to the specific context and circumstances surrounding types of restriction other than the paradigm of confinement in a cell. Indeed, the context in which the measure is taken is an important factor, since situations commonly occur in modern society where the public may be called on to endure restrictions on freedom of movement or liberty in the interests of the common good"* (**Ara Sentenzi De Tommaso v. Italy [GC], 2017, § 81; Nada v. Switzerland [GC], 2012, § 226; Austin and Others v. the United Kingdom [GC], 2012, § 59**). Għalkemm irid jingħad, li r-restrizzjoni ma għandiex isservi ta' maskra li warajha fir-rejalta' ikun hemm id-detenzjoni.

Fil-każ ta' **Terheş kontra r-Romania deċiż fil-2021** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Les principes bien établis applicables en la matière, en ce qui concerne la distinction entre privation de liberté et restriction à la liberté de circulation, sont présentés dans les affaires Austin et autres c. Royaume-Uni ([GC], nos 39692/09 et 2 autres, §§ 57 et 59, CEDH 2012) et De Tommaso c. Italie ([GC], no 43395/09, § 80-81, 23 février 2017). En particulier, pour déterminer si un individu se trouve « privé de sa liberté » au sens de l'article 5 de la Convention, il faut partir de sa situation concrète et prendre en compte un ensemble de critères comme le genre, la durée, les effets et les modalités d'exécution de la mesure considérée dont les effets doivent être examinés de manière « accumulées et combinées » (De Tommaso, précité, § 80). Par ailleurs, le contexte dans lequel s'inscrit la mesure représente un facteur important car il est courant, dans les sociétés modernes, que surviennent des situations dans lesquelles le public peut être appelé à supporter des restrictions à la liberté de circulation ou à la liberté des personnes dans l'intérêt du bien commun (ibidem, § 81).*" (Emfażi tal-Qorti).

Il-Qorti ħadet ukoll nota taż-żewġ digrieti għal *habeas corpus* tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Iżda dawn huma digrieti li ngħataw dwar id-detenzjoni tar-rikorrenti meta kienu miżmuma fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ġewwa Ħal Safi u mhux fuq il-baħar (ara a' fol 35 u 37). Din il-Qorti tara differenza kbira dwar l-istat ta' moviment tar-rikorrenti fuq il-baħar u dak ta' fuq l-art u dwar liema fatt ser tkun qed tipprovdi aktar 'l isfel.

Għalhekk wara li qieset li r-rikorrenti kienu fuq il-baħar għaliex il-portijiet ta' Malta kienu magħluqin u fi kwalunkwe każ dejjem kien ser ikollhom il-moviment tagħhom ristrett minħabba kwistjonijiet ta' kwarantina, u li r-restrizzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-moviment kienet waħda ġenerali għall-pajjiż kollu u li wara li nfetħu l-portijiet ir-rikorrenti ttieħdu fuq l-art, din il-Qorti ma tarax li kienet kwistjoni ta' detenzjoni skond l-artikolu tal-liġi, iżda restrizzjoni fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-moviment tagħhom, neċċessitata' miċ-ċirkostanzi prevalenti minħabba l-istat tal-affarijiet kif kienu f'Malta fil-mument li waslu u għaliex ukoll il-fatt li kienu miżmuma fuq il-baħar fuq vapur, il-moviment tagħhom kien inevitabilment konfinat.

*<u>L-artikoli 34 u 5 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament</u>*

Kwantu għas-sitwazzjoni tar-rikorrenti meta waslu l-art u tqiegħdu fiċ-Ċentri ta' detenzjoni, is-sitwazzjoni hija differenti minn dik meta kienu fuq il-baħar. Iżda qabel, il-Qorti eżaminat b'reqqa ir-rikors promotur. Ħlief għall-aħħar żewġ paragrafi tal-parti intitolata **Fatti,** l-ilmenti kollha jirrigwardaw għal meta kienu fuq id-dgħajjes. Huma l-aħħar żewġ paragrafi qosra li jsemmu l-ilment meta kienu fuq l-art ġewwa ċ-Ċentri. Tant hu hekk li anke l-Qorti tal-Appell stess tagħti x'tifhem li l-ilment tagħhom kien fir-rigward biss dwar meta kienu fuq il-baħar (ara paragrafu 20 tas-Sentenza).

L-ilment tar-rikorrenti dwar meta kienu fiċ-Ċentri ta' detenzjoni jirreferi għad-detenzjoni nniffisha u xejn aktar. Ma hemm ebda referenza għall-ksur taħt artikoli 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament. Kif intqal li "*Din il-Qorti hija strettament marbuta bil-<u>premessi u t-talbiet</u> kif dedotti*"

(Emfażi tal-Qorti. Ara **Sentenza Kostituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2024 fl-ismijiet Mifsud Anthony -vs- L-Avukat tal-Istat u Anna Darmanin)**. Bħala punt ta' proċedura hu neċessarju li jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli, <u>bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba</u> u t-talba stess kif diretta kontra l-parti l-oħra (Emfażi tal-Qorti.) Ara **App. Ċiv tat-22 ta' Mejju1967 fl-ismijiet E. Scicluna -vs- M. Xuereb et [Kolleż. Vol: LI.i.299];** u dik tal-**Qorti Kumm tad-19 ta' Ġunju 1989 fl-ismijiet Frendo noe -vs Attard noe [Kolleż. Vol: LXXIII.iv.971]**).

Bħal ma r-rikorrenti dehrilhom li jqanqlu l-artikoli 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament għal meta kienu fuq il-vapuri setgħu għamluh l-istess għaż-żmien li kienu fuq l-art. Fil-premessi minn dan kollu ma hemm xejn. Għalhekk, sa fejn jirrigwarda dan l-aspett ta' meta kienu fuq l-art, ser titratta biss l-artikoli 34 u 5 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament biss.

Dr. Charmaine Gauci xehdet li wara li jsiru l-kontrolli kollha tal-mard, fejn jitqiegħdu dawk li jaslu ma hiex kompetenza tagħha. (ara a' fol 150). Tispjega li wara li jkun sar it-test tal-Covid ... imbagħad jibda l-iscreening tat-tuberkolożi, la darba imbagħad joħroġ ir-riżultati tal-iscreening għat-tuberkolosi, imbagħad min-naħa tagħha, huma ma għandhomx għalfejn jibqgħu iżolati. Allura, minn dak il-ħin 'l quddiem ma tibqax aktar kwistjoni ta' deprivazzjoni taċ-ċirkolazzjoni iżda xorta ta' detenzjoni.

Il-Qorti tħoss li għandha tgħid, li sa fejn jirrigwarda detenzjonijiet f'dawn iċ-Ċentri, is-sitwazzjoni bħal donnha baqgħet l-istess, minkejja li saru rapporti dwar il-metodu xejn ortodoss dwar kif isiru dawn id-detenzjonijiet. Fil-fatt issir referenza għal dak li ntqal f'rapport tal-2017:

"***Report to the Maltese Government on the visit to Malta carried out by the European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment (CPT) from 17 to 22 September 2020***

*There were no registers of the detention orders or copies of the detention orders kept at the Detention Services or IRC establishments, and management did not appear to know who was being held on which grounds. This incredible state of affairs meant that the management could not ensure any oversight of the safeguards related to detention. Indeed, the management took it on trust from the Immigration Police and Ministry of Health that all migrants were being detained lawfully. The Detention Service told the delegation that they were informed on an ad hoc basis when individual migrants were to arrive, be transferred, deported or released. 49. The CPT underlines that deprivation of liberty for immigration purposes should be a measure of last resort, after a careful and individual examination of each case, and that its continued need should be subject to periodic review. Every instance of deprivation of liberty should be covered by a proper individual detention order, readily available in the establishment where the person concerned is being held; and the detention*

*order should be drawn up at the outset of the deprivation of liberty. Equally, in line with the European Court of Human Rights' jurisprudence, the CPT has long held that detained migrants in an irregular situation should benefit from an effective legal remedy enabling them to have the lawfulness of their deprivation of liberty decided speedily by a judicial body. This judicial review should entail an oral hearing with legal assistance, provided free of charge for persons without sufficient means, and interpretation services being provided as required. Moreover, detained migrants in an irregular situation should be expressly informed of this legal remedy. Lastly, the need for continued detention should also be reviewed periodically by an independent authority."* (Emfażi tal-Qorti).

Il-partijiet emfasizzati fil-bran imsemmi kolllha jirriżultaw li seħħu anke fil-każ tal-lum. Kyle Mifsud tad-detention Centre jgħid, li dawn daħlu fis-6 ta' Ġunju 2020 (a' fol 551 tergo). Dan jgħid li ma kellhomx id-detention order għaliex dak iż-żmien kien hemm lacuna fid-detention orders (a' fol 552). *Jikkomunikaw mal-Pulizija izda ma jkollomx id-dokument fiziku f'idejhom* (a' fol 554). Għalkemm illum, ergo mhux dak in-nhar, din l-ordni qed tingħata kemm lill-persuna u kemm lid-Dipartiment ukoll (a' fol 552 tergo).

L-iSpettur Lara Butters għall-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni tgħid li meta jmissu ma' l-art, wara li ma jkunux baqgħu taħt id-detenzjoni tas-Saħħa, inħarġitilhom ordni ta' detenzjoni minnhom (a' fol 556). Issa din id-*detention order* ma nħarġitx fil-konfront ta' kull wieħed minnhom (a' fol 556). Din tgħid, li d-*detention order* toħroġ meta wieħed ikun ser japplika għall-

ażil (a' fol 556 tergo). Din tgħid li minn tnejn u tletin, tnejn biss kien hemm ordni ta' detenzjoni għaliex l-oħrajn kienu taħt id-detenzjoni tal-Health (a' fol 597 u 598).

Għal din il-Qorti jidher ċar, li ta' l-inqas dak iż-żmien, is-sistema kienet għadha opaka, tant li l-anqas tingħata f'idejn l-ordni. Min huwa inkarigat miċ-Ċentri ta' detenzjoni joqgħod u jassumi li din ingħatat mingħajr ma qatt ikun jaf sewwa minn min. Għalhekk huwa ċar, li l-persuna detenuta kienet titħalla' fl-għama, li hija ħaġa ċertament frustranti. Issa dan meta skond l-Avviż Legali 320 tal-2005 kif emendat, artikolu 6(2) li japplika għal dawk li jkunu qed ifittxu l-ażil jiddisponi li "*detention order issued by the Principal Immigration Officer in writing, in a language which the applicant is reasonably supposed to understand, shall state the reason or reasons on which it is based."* Issa din il-Qorti hija tal-fehma li dan għandu jsir anke meta l-persuna tkun għadha ma applikatx għall-ażil, għaliex id-dritt fundamentali għall-moviment tal-ħelsien huwa wieħed naturali u indegorabbli u mhux soġġett għad-dettami tal-formolitajiet.

Ma għandu jkun hemm ebda dubbji, li wieħed mill-elementi essenzjali għall-validita' tad-detenzjoni hija l-konsenja lil dak li jkun l-ordni materjali bir-raġunijiet ċari tal-ordni. Ingħad li "*The absence or lack of reasoning in detention orders is one of the elements taken into account by the Court when assessing the lawfulness of detention under Article 5 § 1"* (Ara **Sentenza S., v. and A. v. Denmark [GC], 2018, § 92**).

Dan ifisser li l-konsenja mmedjata tal-ordni hija essenzjali għaliex l-individwu jkun jista' qabel xejn isir jaf għalfejn huwa miżmum u kif ukoll ikun f'posizzjoni li jikkontesta l-legalita' tal-ordni jekk ikun il-każ. Issa minn eżami tal-provi, dak li jkun jista' faċilment jasal għall-konklużjoni, illi l-mankanzi kollha msemmija fir-rapport tal-2017 kienu għadhom jeżistu. Għalkemm kif rajna, illum l-ordni qed tingħata materjalment lil kull min huwa interessat, li sa ċertu punt huwa progress fuq dak li kien hemm qabel.

Issa hija wkoll regola pedamentali, li kull detenzjoni jew arrest għandu jkun sanzjonat bil-liġi miktuba. Dan huwa meħtieġ biex tkun eliminata l-arbitrarjeta' u allura in omaġġ għall-prinċipju tas-Saltna tal-Liġi. Iżda xorta jkun hemm arbitrarjeta' għaliex ai fini tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni l-anqas hu biżżejjed li din tkun konformi mal-liġi tal-pajjiiż għax xorta tista' tkun bi ksur tal-Konvenzjoni. Fil-fatt intqal li "The notion of "arbitrariness" in Article 5 § 1 extends beyond lack *of conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and thus contrary to the Convention*" (Ara Sentenzi **Creangă v. Romania, 2012, § 84; A. U oħrajn v. Rernju Unit [GC], 2009, § 164**).

Il-Qorti eżaminat l-istat tal-Liġijiet tagħna fejn si tratta ta' ordni ta' detenzjoni u jirriżultalha li f'dan il-każ ma setax kien hemm ordni taħt il-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex taħt L.S 420.06 ordni ta' detenzjoni taħt regolament 6 tista' toħroġ biss jekk il-persuna hija applikant taħt dik il-liġi. Issa ebda wieħed mir-rikorrenti ma kien hekk applikant. Fil-waqt li taħt il-Kap 217,

artikolu 10 jipprevedi detenzjoni biss għal dawk li jidħlu Malta bl-ajru iżda mhux bil-baħar. L-Ispettur Lara Butters tgħid li d-*detention order* ma nħarġitx fil-konfront ta' kull wieħed minnhom u li d-*detention order* toħroġ meta wieħed ikun ser japplika għall-ażil (a' fol 555 u 556 tergo). Minkejja dan xorta baqgħu miżmumin. Din tgħid li minn tnejn u tletin, tnejn biss kien hemm ordni ta' detenzjoni għaliex l-oħrajn kienu taħt id-detenzjoni tal-Health meta kif rajna wara li sarulhom l-eżamijiet mediċi ma setax kien il-każ (a' fol 597 u 598).

Il-Qorti għalhekk ser issib, li sa fejn jirrigwarda d-detenzjoni tar-rikorrenti waqt li kienu fuq l-art, l-artikoli 34 u 5 tal-Kostituzzjoni tassew ġew lesi. Dan huwa prinċipalment frott ta' liġijiet antiki li ma humiex ċari biżżejjed u li ilhom hekk għal ħafna snin, kombinati mal-Istat ta' l-allarm li kien hawn fil-pajjiż, minħabba l-pandemija mal-wasla tar-rikorrenti.

Il-Qorti tinnota wkoll li sal-aħħar ta' din il-Kawża ma tafx x'ġara mir-rikorrenti ħlief li xi wħud minnhom diġa jinsabu rilokati f'pajjiżi oħrajn fil-waqt li wħud oħrajn minnhom ma hux ċert jekk għadhomx Malta. (a' fol 650). Sitwazzjoni li din il-Qorti ma tara xejn sew għaliex l-inqas haġa huwa li jinformaw lill-avukati tagħhom fejn qegħdin, abbinat mal-fatt li kif fuq spjegat l-anqas indenjaw jixhdu.

Finalment il-Qorti qieset ukoll min mill-intimati għandu jwieġeb għat-talbiet rikorrenti u kwindi min minnhom huwa leġittimu kontradittur. Dan qiegħed

jingħad fid-dawl ta' eċċezzjoni mogħtija f'dan is-sens mir-rikorrenti. Huwa għalhekk importanti li jitqies min ħa din id-deċiżjoni. Għal dan il-kweżit il-Prim Ministru wieġeb li din kien deċiżjoni kollettiva tal-Gvern u li d-deċiżjoni ttieħdet minħabba emerġenza pubblika dikjarata mis-Superintendent tas-Saħħa. Il-Ministru Byron Camilleri wkoll jgħid li dakin-nhar "*konna qed ngħixu fi zmien li bhala Gvern konna qegħdin niehdu mijiet ta' tista' tgħid ta' decizjonijiet fil-ġimgħa*". Dan ifisser li t-tnejn jaqblu li dawn kienu deċiżjonijiet tal-Gvern fil-kollettivita' tiegħu u mhux xi Ministeru jew Dipartiment partikolari.

Issa artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

*(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkuninkarigat fil-materja in kwistjoni:*

*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*

*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jewobbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isirumis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunuxjistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

Jibda biex jingħad li Ministru mhuwiex kap ta' dipartiment tal-Gvern u għalhekk, bi tħaris tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jistax jingħad li l-Ministru kellu jitħarrek biex iwieġeb għall-ilment tal-appellanti. (Ara **Sentenza tal-25 ta' Ottubru, 2023 fl-ismijiet Sarah Engener -vs- L-Onorabbli Ministru tal-Ġustizzja u l-Avukat Ġenerali llum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat Appell Superjuri**). L-anqas ma jista' jingħad f'dan il-Każ li s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ma għandu jwieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti għaliex minkejja li jidher li Kevin Mahoney kien tassew involut f'ħafna ċirkostanzi tal-każ u saħansitra kien jieħu ħsieb kif ġew amministrati l-bżonnijiet tar-rikorrenti, huwa dejjem mexa mad-deċiżjoni kollettiva tal-Gvern. Jgħid li kienet ittieħdet deċiżjoni politika ta' Gvern u għalhekk mhux minnu (a' fol 543). Dan ifisser li f'din il-proċedura ma hux il-każ li huwa s-Segretarju Permanenti li għandu jwieġeb.

Għalhekk huwa l-Avukat Ġenerali li għandu jwieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti, għaliex huwa dan li jirrappresenta lill-Istat f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern. Kwindi, ħlief għall-Avukat tal-Istat l-intimati l-oħra ser ikunu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-proċedura bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba rikorrenti** pero' fir-rigward biss tar-rikorrenti **Ahmed Koulibaly, Alloh Banga Wilfried Nathan, Sheku Camara, Osman Jalloh, Mohammed Conde', Alhaji Sahid Jalloh, Alpha Maju Sesay, Moussa Camara u Sulaiman Kamara** u fil-każ biss ta' meta dawn kienu fuq l-art u għalhekk qed tiċħad din it-talba fil-konfront tar-rikorrenti l-oħrajn kollha u **tastjeni** wkoll milli tieħu konjizzjoni fil-konfront tar-rikorrenti kollha in kwantu din it-talba tirrigwarda ksur taħt il-Karta.

**Tilqa' ukoll it-tieni talba limitatament,** pero' fir-rigward biss tar-rikorrenti imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan u għalhekk qed tiċħada fil-konfront tal-bqija tar-rikorrenti u liema ksur jirrigwarda biss il-fatt ta' nuqqas ta' spazju u mezzi sanitarji fuq l-opri tal-baħar fuq imsemmija u **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-istess talba, sa fejn din hija diretta għall-ksur taħt il-Karta.

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba.

**Tilqa' ir-raba' u l-ħames talbiet** u tillikwida s-somma ta' għoxrin il elf ewro (€20,000) bħala danni non pekunjarji u tikkundanna lill-intimat Avukat iħallas dawn id-danni lil **Ahmed Koulibaly, Alloh Banga Wilfried Nathan, Sheku Camara, Osman Jalloh, Mohammed Conde', Alhaji Sahid Jalloh, Alpha Maju Sesay, Moussa Camara u Sulaiman Kamara** bl-imgħaxijiet legali mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

**Tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-intimati** ħlief lill-intimat Avukat tal-Istat li kif ingħad għandu jagħmel tajjeb għad-danni msemmija fil-paragrafu preċedenti.

Fiċ-ċirkostanzi spejjes tal-proċedura għandha tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**